L-GĦID TA' L-ASSUNTA

ĦARĠA TA' DARBA F'SENA — NRU. 7 | MAĦRUĠA MINN MONS. C. SCICLUNA | 15 ta' Awwissu, 1972.

Grajjiet ta' Mitt Sena Ilu Fil-Katidral T'Għawdex

Mhux sewwa li nħallu n-Nessejja tkebbeb fid-dalma sfiqa tagħha ġrajjiet ta' ċerta mportanaża u li għandhom konnessjoni kbira mal-Knisja Katidrali t'Għawdex ħalli dawk li jiġu warajna ma jkunux jistgħu jakkużawna b'indifferenza u bruda fil-kamp ta' l-istorja ta' ġżiritna.

• ABITI PRELATIZJI U L-BUĠIJA

Fl-1872 kien qed jiggverna u jmexxi d-Djoċesi t'Għawdex it-tieni Isqof tagħha, jiġifieri Mons. Anton Grech Delicata li dam iriegi din id-djoċesi mill-1867 sal-1876. Dan l-Isqof ħadem bla heda biex iżejjen il-Knisja Katidrali bi privileġġi li jgħolluha fid-dinjità kif tabilħaqq jisthoqqilha. Difatti fl-episkopat ta' Mons. Grech Delicata l-kanonċi tal-Knisja Katidrali t'Għawdex ġew imżejnin bil-privileġġ ta' xi Abiti Prelatizji u bil-Buġija. Kien l-10 ta' Awissu 1872 meta l-Kapitlu tal-Katidral rċieva mingħand l-Isqof Grech Delicata ittra, bid-data ta' l-4 ta' Awwissu 1872. Din l-ittra ġiet mibgħuta minn Napli fejn l-Isqof kien mar għal xi vaganzi wara li għadda xi granet f'Ruma. L-ittra kienet tgħid hekk: "Il-Santo Padre ha secondato i miei desideri ed accordato al Capitolo della C. Cattedrale di Gozo gli abiti di Prelato di Mantellone e la Palmatoria nelle Messe. Io me ne godo sommamente di questa grazia; sta ora al Capitolo il farne uso in parte o in tutto; su di cio' parleremo a viva voce. Intanto bisognerebbe spedire il Breve che potrà ascendere a scudi romani da 70 a 90. Io gia' scrissi per tutti i ribassi. Intanto congratulatevi da parte mia col capitolo di questo distintivo, che tanto l'onora. Scrivo e non so se arrivera' la posta mentre sono le sette p.m.

Loro Aff. mo.
Antonio Grech Vescovo del Gozo.
Napoli 4 - 8 - 1872.

Din il-ġrajja mliet bil-ferħ mhux biss lill-Kapitulari ta' din il-Knisja imma lill-Għawdxin kollha li sa minn dejjem kellhom imħabba speċjali lejn il-Knisja Matriċi, Kolleġġjata u Katidrali t'Għawdex. Għal din il-ġrajja l-Kapitlu tal-Kattidral ħa dawn id-deċiżjonijiet:

(a) li tintbagħat ittra ta' ringrazjament lill-Isqof t'Għawdex li fiha jitolbuh biex irodd ħajr ukoll lill-Qdusija Tiegħu l-Papa;
(b) li l-pagament ta' dan il-privileġġ jitħallas nofs mill-prebenda tal-kanonċi (tal-ġuspatronat) tar-razza u nofs l-ieħor mill-beni tal-Knisja;
(c) li l-Knisja spejjes tagħha tagħmel pittura ta' l-Isqof Anton Grech Delicata biex jiġi mdendel fl-Awla Kapitulari: fil-fatt dan il-kwadru ġie ordnat u nħadem mill-pittur Cortis.

ITTRA APOSTOLIKA U RESKRITT

Kien il-21 ta' Ottubru 1872 — jum il-festa — Kompatruna S. Orsla V.M. — meta fl-Awla Kapitulari nqrat l-ittra Apostolika li kienet tagħti l-fakulta' lil'-kanonċi tal-Knisja Katidrali li jagħmlu użu mill-Abiti Prelatizji kif ukoll mill-Buġija. F'din l-okkazjoni nqara ukoll ir-reskritt li kien jispeċifika d-distintivi ġodda tal-Kapitlu Katidrali t'Għawdex. F'din l-Adunanza Straordinarja kien preżenti ukoll l-Isqof Mon. Anton Grech Delicata.

Din l-ittra Apostolika nqrat quddiem il-Kapitlu mill-Arċidjaknu ta' dak iż-żmien il-Kan. M'Anġ Garroni u fost ħwejjeġ oħra kienet tgħid: "Cum igitur Venerabilis Frater Episcopus Gaudisiensis Nobis exposuerit Sua Diocesi Collegiale Templum extare, cujus Canonicorum Corpus sacris iisdem ornamentis insigne est, quorum usum dignitates et Canonici Cathedralis Ecclesiae Suae ab Nostris Praedecessoribus obtinuerit; atque ut ipsi, quippe Cathedralis Ecclesiaee Canonici, ceteris ejusdem Dioecesis Canonicis Sacrorum insignium splendere prefulgent, enixos Nobis preces adhibuerit amplitudinis accessione augustiores facere benignitate Apostolica dignaremur . . . Auctoritate Nostra Apostolica, vi praesentium concedimus, atque indulgemus, ut Cathedralis Ecclesiae Gaudisiensis Dignitates et Canonici ad eas quae cum Canonicis Collegialis Ecclesiae, de qua habita mentio supra est, communia habent ornamenta, usum adjiciant talaris vestis violacei coloris, quam fascia, ex qua floccis dependeat, violacei item coloris lumbis adstringat; tum collaris pariter violacei; ac palmatoriae."


Fil-qosor, dan id-dokument pontifiċju jfisser li fuq talba ta' Mons. Grech Delicata Isqof t' Għawdex, il-Kanonċi tal-Knisja Katidrali ġew mogħtija l-privileġġ ta' l-Abiti Prelatizji u tal-Buġija bl-Awtorita' Apostolika tal-Papa Piju IX. Il-privileġġ tal-Abiti Prelatizji għall-Kapitlu ta' Għawdex kien jinkludi s-suttana vjola bil-faxxa bil-ġmiemem, l-biċċa vjola mwaħħla mal-kullar kif ukoll il-palmatorja.

Din l-ittra tal-Papa mogħtija fil-forma ta' "Brevi" kellha ukoll magħha reskritt pontifiċju li jispeċifika iktar il-privileġġ. Fost ħwejjeġ oħra dan ir-reskritt fih dawn il-punti ta' interess kbir bħall-istudjusi ta' l-istorja: "Ne aliquis in intelligendis hujusmodi ornamentis error irrepat, mihi visum est significare esse in more iis qui iisdem ornamentis extra urbem degentes, utuntur, caligas et circa pileeum torulum cum floccibus violacei coloris ferre et hujusmodi morem apud omnes extra Urbem admitti". Dan ir-reskritt li iġib id-data tas-27 ta' Settembru 1872 juri biċ-ċar li l-Kanonċi tal-Knisja Katidrali jistgħu jagħmlu użu mill-Abiti Prelatizji, flimkien mal-kappell bil-ġmiemen vjola, mhux biss fil-knejjes kollha tal-belt episkopali, Victoria, iżda ukoll fil-knejjes kollha tat-territorju djoċesan ta' Għawdex. Ir-reskritt fisser tajjeb u ma ħalla ebda ekwivoku dwar l-użu ta' dawn il-privileġġi. Kien il-kas fejn ma ngħatat ebda opportunità lil dawk it-talin li jħobbu jagħtu nterpretazjoni xejn fidila taddokumenti Papali.

DEPUTAZJONI KAPITULARI

Deputazjoni kapitulari ġiet matura biex tpoġġi fil-prattika dan id-Dokument Pontifiċju. Din id-deputazjoni kienet magħmula mill-Arċidjaknu Dun M'Ang Garrone; mit-Teżorier Dun Salvatore Formosa, mill-Penitenzier Dun M'Anġ Refalo, mill-Kanoniċi Dun Gejt Bondi, Dun Ġorġ Mercieca u Dun F. Teuma u ġiet magħżula fl-Ad-

(Ikompli f'paġna 11)



L-E.T. Mons. Anton Grech Delicata

NIFIRĦULU!



NHAR ID-29 TA' LULJU 1972 BĦAL-LEĦĦA TA' BERQA XTERDET L-AĦBAR LI L-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA ĦATAR LILL-AMMINISTRATUR APOSTOLIKU GĦAL GĦAWDEX, MONS. NIKOL CAUCHI PH.D., LIC. SC. SOC., BĦALA S-SEBA' ISQOF TAD-DJOĊESI GĦAWDXIJA. GĦAL DIN L-AĦBAR FERĦU L-GĦAWDXIN KOLLHA, MHUX BISS GĦALIEX DAN L-ISQOF HUWA IBEN IL-GŻIRA TAT-TLIET GĦOLJIET, IMMA WKOLL GĦALIEX MATUL IL-ĦAMES SNIN L-IMGĦODDIJA LI FIHOM AMMINISTRA D-DJOĊESI TA' GĦAWDEX, HUWA TA PROVA ĊARA TA' L-EFFIĊJENZA TIEGĦU BĦALA ISQOF TA' L-ERA POST-KONĊILJARI. AĦNA MINN DAWN IL-KOLONNI NIXTIQULU GĦOMOR TWIL U EPISKOPAT ĦIENI U FEJJIEDI.

GĦELUQ IL-75 SENA TAL-ISTATWA TAL-ASSUNTA

Minn GRAZIO A. GRECH
(Melbourne — Australia)

BLA DUBJU TA' XEJN L-EQDEM FESTA U L-AKTAR WAĦDA TRADIZZJONALI U NAZZJONALI LI TIĠI ĊĊELEBRATA F'GĦAWDEX HI DIK TAT-TLUGĦ FIS-SEMA TAL-MADONNA — JEW AĦJAR, KIF HI AKTAR MAGĦRUFA FIL-GŻEJJER MALTIN, IL-FESTA TA' SANTA MARIJA, LI TIĠI ĊĊELEBRATA NHAR IL-15 TA' AWISSU.

L-Għawdxin, sa minn żmien l-aktar antik, kienu jiċċelebraw il-festa tal-Assunzjoni b'pompa u sollennita l-iżjed kbira. Infatti nsibu li fis-sena 1598 meta l-poplu Għawdxi kien qed jiċċelebra din il-festa, u ġriet l-aħbar li l-iġfna Torok kienu qrib Għawdex, inqala għawġ kbir fost il-poplu. Fis-sena 1855, imbagħad, saret għall-ewwel darba f'Għawdex, matul il-jiem tal-festa tal-Assunta, il-Wirja Agrikola, fl-iskola Primarja tal-Gvern. Din il-Wirja li llum tiġi organizzata mill-kumitat tal-Biedja u tas-Snajja t'Għawdex, xi żmien wara ġiet trasferita għall-Villa Rundle fejn għadha tinżamm sallum.

Maż-żmien bdew isiru wkoll it-tiġrijiet tal-bhejjem, logħob tan-nar, daqq ta' mużika, sparar ta' maskli u anki kienu jixegħlu l-fjakkoli. U biex aktar tikber il-festa ġie li anki ħa sehem xi Gran Mastru, Gvernatur, u personalitajiet oħra kbar.

TINĠAB STATWA

Imma dan ma kienx biżżejjed. U biex il-festa tal-Assunta tieħu spinta differenti, fl-1897, l-E.T. Isqof t'Għawdex — Mons. Giov. Marija Camilleri — reħa f'idejn is-soċjeta filarmonika 'Leone' il-festi esterni tagħha.

(Ikompli f'paġna 11)

www.gozocathedral.org.mt

L-ASSUNTA FIL-POEZIJA GHAWDXIJA

L-INNU L-KBIR TA' SANTA MARIJA

MUŻIKA: ORLANDO CRESCIMANNO

VERSI: RAMIRO BARBARO DI SAN GIORGIO

Kor fis-sema

Glorja kbira ta' dija u ta' ghana
tigi mkanta lill-Mara li qed tmut
"Ejja", jghannu l-anġli ghalenija
ejja żina, tgawdija u gmiel
Fittex ejja, sultana mahbuba
hawn jistenna, tad-dinja l-Mulej

Huwa ghamlek hekk safja u hekk sabiha
kewkba u ġilju fl-eghlieqi smewwin,
Huwa riedek, bhala Ommu, dejjem hajja,
gismek safi mal-qabar ma jmurx.
Gewwa d-dinja lí thalli jibqaghlek
f'ghiq dejjiem, mafkar kbir u ghażiż.

Grabel u Rafel (fid-dinja)

Rafel: Torqod, Ruhha s-sabiha
bhal dik ta' Alla l-Iben
u ħdejn il-gisem tieqaf,
bhal ghat-tifjir mehlusa,
sakemm tifet darbiet tintefa
ix-xemx hemm fuq ix-xefaq.

It-Tnejn: Amen, Amen, Hekk riedet
ir-Rieda tal-Mulej.

Grabel: Issa, hija, ninxtehtu fis
wiehed kull naha... kull naha
quddiem dal-gisem verġni
u qatt mittiefes taghha;
quddiem dir-ruh qaddisa
li tittajjar qrib gisimha
waqt li is-sema jkanta
lill-maqhad taghha, l'hu hemm.
It-Tnejn: Orqod (orqod)... hemm fuq jistenna
l-Iben tieghek u Missieru
u minn dawn ruh il-Qodos
w il-migemgha tas-sema
Maghhom int tmur. Fost nies id-dinja,
habiba hemm ħdejn Alla,
tama, Imhabba u xewqa
ismek dejjem ikun.

Glorja fis-sema

Glorja kbira ta' dija u ta' ghana
tigi mkanta lill-Iben u lill-Omm
li fuq rasha tal-kwiekeb iqieghed
tliet kuruni; u jridha ħdejh
"Tkun msebbha", tghidilha u ssellmilha,
"ja sultana"", kotrot il-qaddisin.

(fid-dinja)

GLORJA GHAL DEJJEM LIL DIK ILLI TATNA
TAL-FIDI — IL-BIDU, IX-XEMX



maqlub minn Toni Mercieca
Florida

KONVOJ

Mill-ġdid qed terġa' ssehh quddiem ghajnejja
il-grajja kbira, ta' dik il-ghodwa ghażiża,
fiż-żmien li l-gżejjer taghna kienu mrieghda
mitlufa fl-hemm, fid-dieq, fil-ghaks, ghajjiena.
U ġera hsiebi fis fuq dawk il-hlejjaq
mejtin bil-ġuh, fuq qiegh tl-art mitfugha,
jittallbu l-hniena bla ma jieqfu, msejkna.
Qalila l-gwerra w kiefer il-htieb taghha,
mignun min ikun ħtija ta' dil-kruha,
ibiel: min ma' jafx b'paċi, l-qerda jfittex
mhux le tal-ghadu, imma tal-ħbieb tieghu.
Ghakx, qerda w ġuh, Marija, int taf tajjeb,
rajtna nitmieghku lkoll, nitkarrbu, nolfou,
'ma l-ghadu ma riedx jaf, ħalef li jtemmna.
Tiftakar xejn, Marija? Kull fil-ghodu
bit-tama lkoll nimtlew li l-konvoj jidhol
biex lilna jahji; iżda, mbaghad, jahasra,
ma' tmiem il-jum, x'hin terga' troxx id-dalma,
tmutilna dlonk it-tama gewwa qalbna
Ghax konvojs ma dehrux u bil-ġuh bqajna.
Maltin, Ghawdxin, jinfnew bil-qajla l-qajla.
Donnu kulhadd insihom, anki ħbiebhom,
kull tama qed tintemm, tintefa ghal kollox
fix-xemx t'Awissu tikwi daqs il-ġamar.
'Ma f'daqqa wahda, kif il-lehh ta' berqa
jiddi ġos-sema griż fl-eqqel tax-xitwa,
nibet ġo mohhna l-hsieb li f'lok imbiegħed,
hemm int, Marija, omm ta' l-akbar ħniena,
u fis harisna 'l fuq bhal ridna nieżu
fil-Genna ħdejk mimlija ħegga w tama.
Marija Omm, lissinna lkoll b'imhabba,
Marija, ghajjatna lkoll, b'tama issa ġdida,
Marija, ieqaf maghna f'din is-siegha,
gibilna fis il-konvoj ha jahjilna.
Stennejna, mbaghad, stennejna b'qalb ittaqtaq,
u tbewset fuq xuftejna dik it-talba
li ma tintemmx maż-żmien: Ave Marija!
U meta ghaddew il-hiem u bqajna nishru
fil-ghaks fil-hemm, fid-dieq, bil-ġuh mifnija,
sebah il-jum ghażiż — 15 t'Awissu —
u fuq ix-xefaq dehret werqa ċkejkna
fuq firxa bahar, miexja qajla qajla.
U Malta qamet f'daqqa w ghajtet hienja
"Waslilna l-Konvoj!" w iżżitħajr minn qalbha
lil Ommna tas-smewwiet, Sidtna Marija!
Id-dmugh ta' ferh deher niezel fuq ħaddejna
u tlimkien miegħek fis-Smewwiet, Marija,
intiru lkoll bil-ferh ridna f'dik l-ghodwa;
ghax Inti thobbna, xtaqt illi tarana
madwarek ferhanin, nitbissmu hienja.
Grazzi Marija, ħajr nghidulek f'daqqa
ta' din il-grazzja kbira li qajtilna!

* * *

Issa ghadda ż-żmien, ghaddew is-snin u tgerbu,
u din il-grajja ghażiża ghaddejja f'mohhi:
m'ahniex fil-gwerra, le, m'ahniex nitqabdu,
'ma l-konvoj nehtiguh mill-ġdid fi żmienna
ghax qegħdin noghtru fl-hemm, bid-dieq mifnija.
Marija, nehtiguh il-konvoj issa,
mhux mimli bl-ikel, xorb, bi ħwejjeġ tajba,
iżda bl-imhabba mfawwar, b'fidi w tama,
l: ma' xulxin jorbtuna f'ghaqda shiha.
Hniena, Marija, ħniena, rodd il-fidi
lil min tilifha, rodd it-tama helwa
lil dawk li nqerditilhom minn ġo qalbhom.
Hallih il-konvoj jidhol fil-port taghna;
hallih, Marija, jidhol bla jinqered:
konvoj mimli bil-fidi, tama, mhabba,
konvoj mimli bis-sliem, bil-paċi, bl-hena.

16 - 7 - 72

JOE MEJLAK

Lil Marija Assunta

Marija...
kelma ta' farag
isem ta' tama
genna ta' mhabba.
Marija...
Omm l-Iben t'Alla
ghaxqa tas-sema
ghajnuna taghna.
Ibqa'
Marija,
saltan ġo beltna
fawwar lil qlubna
ferrah lil djarna.
Ibqa'
Sultana
Ommna Marija,
fewwah l-art taghna
serrah lill-morda
hares 'l uliedna.
Kelma ta' seher
isem ta' tama
genna ta' mhabba:
Marija.

George Mercieca

FIL-GHID TA' L-ASSUNTA

Gabiha bla tarf kont f'qabrek Marija
Qtusija tal-genna kont tilmah f'ghajnejk
Kont tirri żobor ta' Mara bla ħtija
Ghax b'dahket is-sliem kienu mbewsa ħaddejk.

Staghġbu l-Anġli meta rawk koilok dija
Fil-ħin li d-dalma tad-dinja ħallejt,
S'rt ohla m'il-isbah raġġi dehbija,
W is-sema bi fwieha li tghaxxaq imlejt.

Ferhu s-smewwiet u l-art ghalenija
Meta f'darek lemhuk tielgha hergana
B'safa tal-qodos giet ruhek moghnija
Li kebbset ghal Ibnek ġibda ghatxana.

Tlughek qanqal fis-sema O Marija
Dehxa ta' ferh f'dik il-lejla safjija.

Joe Cordina
7/7/72

DHUL IEHOR

	£M	c	m
L-Kavallieri ta' l-Ordni ta' S. Gwann ghall-aġġornament ta' l-Arkivju	50	00	0
Gabra ghall-fratelli mejtin tal-Fratellanza ta' Santa Marija	24	30	0
50 dollaru amerikan mir-Rev. Anton Mercieca ghall-Muzew			

DONAZZJONIJIET

Brazzuletti tad-deheb: 3; Kullana: 1; Msielet: 2 pari; Ċrieket: 6; Tazza kbira tal-E.P.N.S.; Terha: 1; Pjaneti: 7; Offerti ta' dollari: 120.

FLUS LI DAHLU U HARGU

	£M	c	m
Gabra ghall-vittma tal-Pakistan	83	22	5
Gabra ghall-Missjoni	108	50	0
Gabra f'Jum il-Karita'	24	25	0
Gabra ghas-Seminarju	65	00	0
Offerta ghall-Borża ta' Studju	25	00	0

SPRITEX
L-AHJAR INSECT-KILLER
U JAGHMEL ID-DAR TFUH

www.gozoarchival.org.mt

Kronaka Tal-Parrocca

1 TA' AWWISSU 1971 --- 31 TA' LULJU 1972

MAGHMUDIJIET:

12 - 8 - 71: Maghmudija ta' Salvu bin Carmelo Mifsud u Guzeppa nee' Zahra.

11 - 9 - 71: Maghmudija ta' Laurence bin Gorg Sciberras u Rose nee' Micallef.

26 - 9 - 71: Maghmudija ta' Marija Assunta bint Vincenzo Refalo u Rose nee' Masini.

4 - 10 - 71: Maghmudija ta' Marija Assunta bint Ewkaristiko Sultana u Angolina nee' Portelli.

17 - 10 - 71: Maghmudija ta' Paul bin Francis Galea u Antonio nee' Attard.

20 - 10 - 71: Maghmudija ta' Philip bin Peter Paul Camilleri u Guza nee' Agius.

31 - 10 - 71: Maghmudija ta' Maximilian bin Gorg Grech u Katie nee' Zammit.

8 - 11 - 71: Maghmudija ta' Jason bin Sunny Gatt u Cettina nee' Grech.

7 - 11 - 71 Maghmudija ta' Mario bin Joseph Grech u Kelina nee' Farrugia.

13 - 11 - 71: Maghmudija ta' Victor bin Nazzarenu Borg u Franġiska nee' Galea.

14 - 11 - 71: Maghmudija ta' Daniela bint John Magro u Carmen nee' Casha.

12 - 12 - 71: Maghmudija ta' Carmen bint Anton Mejlak u Eliza nee' Spiteri.

16 - 12 - 71: Maghmudija ta' Gorgette bint Joseph Spiteri u Frances nee' Sultana.

13 - 12 - 71: Maghmudija ta' Diana bint Joseph Axiaq u Eileen nee' Pladstone.

26 - 12 - 71: Maghmudija ta' Anton bin Elija Mercieca u Frances nee' Attard.

15 - 1 - 72: Maghmudija ta' Manwel bin Joseph Zerafa u Carmela nee' Saliba.

23 - 1 - 72: Maghmudija ta' David bin Carmelo Portelli u Frances nee' Apap.

19 - 2 - 72: Maghmudija ta' Francelle bint Anton Hili u Emma nee' Mizzi.

1 - 4 - 72 Maghmudija ta' Gerard iben Lwigi Vella u Ursula nee' Galea.

1 - 4 - 72 Maghmudija ta' Anton Joseph iben Carmelo Grech u Antida nee' Refalo.

1 - 4 - 72 Maghmudija ta' Doreen bint Joe Zammit u Lina nee' Spiteri.

25 - 4 - 72 Maghmudija ta' Sonia bint Joe Zammit u Antonia nee' Casha.

3 - 5 - 72: Maghmudija ta' Klawdja bint Joe Muscat u Grace nee' Gatt.

23 - 5 - 72: Maghmudija ta' Oliver bin Joseph Grech u Mary Ann nee' Sultana.

1 - 6 - 72: Maghmudija ta' Charles bin Sylvio Vella u Carmen nee' Farruġia.

21 - 6 - 72: Maghmudija ta' Marija bint Carmelo Vella u Marija, nee' Debrincat.

9 - 7 - 72: Maghmudija ta' Doreen bint Manwel Zammit u Nina nee' Tonna.

20 - 7 - 72: Maghmudija ta' Manwel bin Ewkaristiko Cini u Mody nee' Caruana.

21 - 7 - 72: Maghmudija ta' Joanna bint Laurence Galea u Marga nee Tabone.

29 - 9 - 72: Maghmudija ta' Savior bin Carmelo Vella u Marija nee' Debono.

ŻWIGIJIET:

8 - 8 - 71: Tieg ta' Feliċ Curmi u Guża Refalo.

18 - 9 - 71: Tieg ta' Carmelo Debrincat u M'Carmela Mercieca.

14 - 7 - 71: Tieg ta' Gorg Grech u Vivienne Grech.

26 - 12 - 71 Tieg ta' Joseph Grech u Camilla Grech.

26 - 12 - 71: Tieg ta' Carmelo Attard u Gulja Xerri.

9 - 1 - 72: Tieg ta' Larry Spiteri u Doreen Debrincat.

8 - 4 - 72: Tieg ta' Manwel Gatt u Helen Mercieca.

15 - 4 - 72: Tieg ta' Victor Borg u Miriam Xerri.

4 - 6 - 72: Tieg ta' Maurice Borg u Amalia Farrugia.

15 - 7 - 72: Tieg ta' John Haber u Tarcisia Camana.

22 - 7 - 72: Tieg ta' Frankie Psajla u Rose Xerri.

30 - 7 - 72: Tieg ta' Pawlu Lanzon u Salvina Farrugia.



IMWIET:

Awissu 1971: Gorg Gauci, Anton Cauchi, Pawlu Cordina.

Diċembru 1971: Assunta Magro Marija Xuereb, Gużeppa Mercieca, Lorenzo Camilleri, Ursula Said.

Jannar 1972: Ninu Cremona Litt. D. (Hons.), Mons. Ċelestino Galea Ph.D., Vitorina Camilleri.

Frar 1972: Dr. Anton Tabone M.D., O.B.E.

Marzu 1972: Pawlu Zammit, Manwel Gauci, Gużeppa Camilleri, Carmen Galea.

April 1972: Tomaso Zahra.

Mejju 1972: Ferdinandp Zammit.

Lulju 1972: Pawla Micallef

ĠRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

15/8/71: Jum Santa Marija. Fil-Katidral iżżanznu, fost ħwejjeġ oħra, is-Sedja ta' l-Isqof u żewġlinef għal quddiem l-istatwa. Matul il-jum il-Gvernatur-Generali u s-Sinjura Mamo, il-Ministri Anton Buttigieg u Jos. Micallef Stafrace għamlu żjara l-Katidral, akkumpanjati minn diversi persunaġġi distinti oħra. Huma kienu mdawra mal-Katidral 'en fete' għall-okkażjoni minn Mons. Anton Guaci, Mons. Giovanni Gauci. Wara d-deputati Kapitlari offrew trattament żgħir lill-mistednin distinti.

16/8/71: Thabbar li dis-sena ngabret is-somma ta' £M502 għal Festa ta' Santa Marija.

23/8/71: Beda x-xogħol talgebel fuq il-Muzew tal-Katidral mill-bennej Karlu Vella. Il-Muzew beda jinbena fit-tarf tal-Knisja.

26/8/71: Fi tmiem kuncert orkestrali esegwit mill-Orkestra tat-Teatru Manoel fil-Pjazza tal-Katidral indaqqet u tkantat l-Ave Maria bil-Malti ta' Schubert mis-sopran Antoinette Miggiani. Dan sar b'turija ta' qima lejn Marija Assunta li quddiem il-Knisja tagħha sar kuncert. Wara fl-istess Pjazza u bit-tarag tal-Katidral b'eluf ta' nies li ġew minn Għawdex kollu nħadmet għall-ewwel darba il-Ballata tal-Assedju t'Għawdex tal-1551, xogħol tal-poeta Anton Buttigieg.

11 - 12/9/71: Saru fil-Katidral żewġ quddisiet b'konnessjoni mal-Jum Nazzjonali ta' Malta. Qaddes Mons. Isqof Cauchi u attendew diversi persuni distinti.

11/10/71: Quddiesa Pontifikali fl-Okkażjoni tal-255 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral.

17/10/71: Mons. Isqof Cauchi kkoncelebra flimkien mad-Diretturi Spiritwali tal-Legion of Mary f'ġieħu il-festi ċ i n k w a m t e n a r j i f'Għawdex mit-twaqqif tal-Legjun.

28/11/71: Bdew il-priedki tal-A v v e n t mill-Kwaresimal Dun Karm Mercieca li xi żmien wara nħatar Arċipriet tax-Xewkija.

16 - 24/12/71 Inżammet għattieni sena Novena Biblika bhala tħejjija għall-festa tal-Milied. Fost l-aħjar 'items' kien hemm pageant bibliku maħdum għall-okkażjoni.

16/12/71. Dun Gużeppi Cilia, missjunarju salezjan fl-Indja, ex-abbati tal-Katidral qaddes u għamel ġabra għall-Missjoni.

24/12/71. It-Matutin tal-lejl tal-Milied tkanta għall-ewwel darba bil-Malti.

1/1/72. Thabbar li matul issena li għaddiet fil-Katidral tqarbnu madwar 101,000 u tqaddsu madwar 3550 quddiesa.

2/1/72. Hareġ għat-tieni sena konsekuttiva il-Kalendarju Parrokjali tal-Katidral. Il-kalendarju kellu kopertina bil-kulur u hu stampat bi tliet kuluri. Barra minn ġabra ta' attivitajiet liturġiċi li twettqu matul is-sena, kien jinkludi wkoll 'timetable' tal-attivitajiet matul is-sena 1972.

12-18/3/72. Għall-ewwel darba il-priedki tal-Eżerċizzi fil-Katidral saru minn konferenzieri differenti li kienu 7. L-eghluq sar minn Mons. Isqof.

17/3/72. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura bil-koperazzjoni tal-Ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Germanja, ppreżenta 'Organ Recital' mill-famuż organista Germaniż Wilhelm Grimbuck. Diversi persuni distinti u residenti barranin fi Gżiritua ħadhru il-kunċert kif ukoll l-orgni tal-Katidral. L-istess kunċert, aktar tard, ixxandar minn fuq ir-Rediffusion.

19/3/72. Għall-ħames sena konsekuttiva ħarġet mill-Katidral il-purċissjoni tal-Passjoni. Bhas-soltu żżanżnu diversi opri godda, fosthom libsa ġdida għall-Kor 'Maria Assunta'.

30/3/72. Madwar mitt saċerdot ħadu sehem f'Koncelebrazzjoni Pontifikali ħnar Ħamis ix-Xirka. Il-Kor 'Maria Assunta' żanżan quddiesa b'żewġ vuċijiet għall-okkażjoni.

3/4/72. Fil-Katidral sar il-funeral tal-Isqof Djoċesan Mons. Gużeppi Pace li miet fil-31 ta' Marzu. L-ogħla personalitajiet ta' dawn il-gżejjer, reliġjużi u ċivili, membri tal-Korp Diplomatiku, bosta saċerdoti u reliġjużi, eluf ta' nies imlew il-Katidral u l-pjazza tiegħu biex jagħtu l-aħħar tislima lill-Isqof Pace. Is-servizz liturġiku tmexxa mill-Amministratur Appostoliku Mons. Isqof Cauchi. Il-kant sar mill-Kor 'Maria Assunta' u kien bil-Malti. Aktar tard Mons. Pace ġie midfun fil-kappella tas-Sagrament fil-Katidral. Kien ilu ma jsir funeral ta' Isqof fil-Katidral mis-sena 1914, meta miet l-Arċisqof Pietru Pace.

29/4/72. Mons. Arċisqof ta' Malta Mikiel Gonzi qaddes fil-Katidral għar-ruħ l-Isqof Mons. Gużeppi Pace. Wara l-quddies Mons. Arċisqof intona t-'Te Deum' fl-okkażjoni tas-16 l-anniversarju meta l-istatwa ta' Santa Marija ġiet imtella' fil-Katidral.

7 - 14/5/72. Bdiet fil-Katidral il-Ġimgha Ewkaristiko-Liturġika. Il-purċissjoni fit-tmiem saret fil-knisja minħabba l-maltemp.

29/5/72. Bdew isiru tiswijiet ġenerali fil-Katidral. Sar xogħol ta' restawrar fil-kampnar u anke fil-faċċata.

31/5/72. Mons. Isqof Cauchi għamel il-konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

7/6/72. Saret l-ewwel Tqarbina tat-Tfal tal-Parroċċa tal-Katidral. Għall-ewwel darba tqarbnu mat-tfal il-ġenituri tagħhom.

8/6/72. Żjara lill-Katidral mill-E.T. n-Nunzju Apostoliku Mons. Edoardo Peccorało.

14/7/72. L-Eċċ.za Tiegħu l-Ambaxxatur Amerikan il-ġdid iżur il-Katidral.

29/7/72. L-Amm. Apos. għal Għawdex Mons. Nikol Cauchi maħtur I S Q O F T'GĦAWDEX mill-Qdusija Tiegħu il-Papa Pawlu VI.

31/7/72 Abbati mill-katidral, Vincent Pavia, jitlaq għal Ruma għal servizz liturġiku fil-Bażilka ta' S. Pietru.

www.cathedral.org.mt

Il-Kwadru ta' San Guzepp

Wieħed mill-altari tal-ġnub tal-Knisja Katidrali t'Għawdex huwa mwaqqaf f'ġieħ San Ġużepp, Missier Putativ ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Dan l-altar jinsab ħdejn il-bieb tat-tramuntana tal-Knisja u jiġi sewwa sew qabel tilħaq l-altar ta' l-Appostli, in-naħa tal-Kappella tas-Sagrament. Dan l-altar mhux sa minn dejjem kien iddedikat lil San Ġużepp. Di fatti De Soldanis fit-Tieni Ktieb ta' l-istorja tiegħu "Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu" f'paġni 40 u 41 jgħid hekk: "It-tielet kappella hi ta' l-Agonija."

Fil-kwadru hemm Ġesù bejn Marija u Ġwann Evanġelista. Lil dan l-altar qadim sħiħ, li kien dari wisq meqjum min-nies, Ċikku Callus, ħalla xi raba' biex tinxtegħel il-lampa ta' quddiem. fl-Atti tan-Nutar Sillato tas-sena 1450, li fihom naqraw: "In quo legavit ad opus lampadis Crucis Eclesiae Sanctae Mariae Gaudisii terras in dicta Insula in contrada S. Mariae tal-Casaru et Bircabese".



L-istess Callus fl-Atti tan-Nutar Indri Beniamin fid-19 ta' Ġunju 1456 ħalla biex din il-lampa tinxtegħel għal dejjem is-Sibtijiet fil-għaxija u fil-festi ewlenin tas-sena fuq ir-raba' ta' Għasafar fil-ħara ta' Għajn Abdun. Toni de Nasis ħalla wkoll, biex tinxtegħel din il-lampa fundazjoni ta' waħda mit-tlieta ta' "ċafissa" żejt, bħalma jgħarrafna Dun Lawrenz Saliba, Rettur tal-Benefizzju ta' l-Egħjun fis-sena 1545. F'din il-kappella tal-Kurċifiss hemm mwaqqfa l-Fratellanza ta' l-Aggonizzanti, antika sħiħ, li ġiet imwettqa mis-Santa Sede fl-1771 u oħra ta' l-Imqaddes Kurċifiss imwaqqfa mill-Isqof li għandna llum, Monsinjur Alpheran, fis-sena 1729."

Din is-silta meħuda mill-Istorja t'Għawdex tal-Kanoniku Agius De Soldanis hija prova ċara li oriġinarjament dan l-altar kien jissejjaħ tal-Kurċifiss billi kien jirrappreżenta xena mill-Passjoni ta' Ġesù Kristu.

MIKIEL BUSUTTIL

Mal-medda tas-snin dan l-altar ġie mwaqqaf f'ġieħ San Ġużepp. Il-kwadru huwa xogħol tal-pittur Mikiel Busuttil. Dan mhux l-uniku xogħol tal-pittur Busuttil fil-Katidral t'Għawdex. Anzi mill-pinzell ta' dan il-pittur ħareġ il-kwadru titulari ta' l-Assunta fl-1791 u dawk laterali li jirrappreżentaw it-Twelid u t-Tnissil Bla Tebgħa tal-B.V. Marija. Dan ix-xogħol sar 1793.

Bosta jaħsbu u huma ta' l-opinjoni li l-pittur Mikiel Busuttil huwa Għawdxi. Iżda minn tiftix li sar fl-Arkivju konċernati ma nstab xejn la dwar it-twelid u lanqas dwar iż-żwieġ tal-ġenituri tal-pittur Mikiel Busuttil li kienu Klemenziu u Rażża neè Magri.

Mikiel Busuttil studja l-pittura ġewwa Ruma fejn rebaħ 'l-premju ta' l-Akkademja ta' San Luqa. Skond l-istoriku l-Kanoniku Vincenzo Caruana dei Conti Gatto dan Mikiel Busuttil waqqaf f'Malta mill-ġdid l-istudju ta' "il nudo" u kien ta' fama kbira fejn jidħol id-disinn. Dan Mikiel Busuttil ġie maħtur professur ta' l-arti fl-Università ta' Malta mir-rettur tagħha ta' dak iż-żmien, il-Kanoniku Francesco Saverio Caruana li wara laħaq Isqof ta' Malta.

Tajjeb ukoll li nfakkru li Mikiel Busuttil kien missier Salvatore li kien wieħed mill-aħjar pitturi ta' żmienu kif ukoll minjaturista msemmi u mfaħħar mhux biss f'Malta imma saħansitra ġewwa Ruma fejn temm dan il-wied taddmugħ fl-1854. It-tifel ta' Mikiel Busuttil kien li pinġa l-kwadru titulari tal-Knisja ta' Kerċem, Għawdex; il-kwadru jiġifieri tal-Madonna taħt it-titlu tas-Sokkors.

Il-kwadru ta' San Ġużepp li pinġa l-pittur Mikiel Busuttil huwa kopja fidila ta' dak li pinġa Domenichino. Tant hu hekk li Mons. Dr. Anton Gauci fil-ktieb tiegħu 'Gozo' f'paġna 29 kiteb hekk: "The picture over the altar, representing the Holy Family fleeing into Egypt, is a very exact copy of the original of the famous Italian painter Domenichino".

MIN KIEN DOMENICHINO

L-isem proprju ta' Domenichini kien Domenico Zampieri li twieled f'Bologna fl-1581 u miet fl-1641. Huwa tħarreġ fis-sengħa ta' pittur taħt idejn Denis Calvert u aktar tard taħt it-tmexxija ta' Lodovico Carracci. Fl-1602 huwa mar Ruma biex bħala assistent ta' Annibale Carracce jaħdem fid-dekorazzjoni tal-'Gallarija Farnese'. Mill-1609 'il quddiem beda jaħdem għal rasu u jerfa' waħdu r-responsabilità ta' xogħlijiet kbar fil-kamp tal-pittura. F'dan iż-żmien l-aqwa xogħol tiegħu nsibuh fid-dekorazzjoni tal-palazz 'Costaguti'. U kienet is-sena 1661 meta d-Domenichino beda x-xogħol lebes ta' l-affreski ta' Santa Ċeċilja f'"S. Luigi dei Francesi". Aktar tard sewwa sew bejn 1624-28, Domenichino nsibuh jaħdem fil-kor ta' S. Andrea della Valle. U kienet is-sena 1630 meta ħalla Ruma għax aċċetta kommissjoni mportanti li jieħu ħsieb id-dekorazzjoni tal-"Cappella del Tesoro" tal-Katidral ta' Napli. Il-pitturi Naplitani għeru għaliħ u għamlulu bosta xkiel fix-xogħol biex ifixklu l-ħidma tiegħu dekorattiva. Jingħad li dan l-inkwiet ressqu lejn qabru qabel iż-żmien. Domenichino huwa magħruf ħafna għal bosta vintartali li pinġa, fosthom ta' min isemmi "It-Tqarbina ta' San Ġirolmu" li llum jinsab fil-Mużew tal-Vatikan.

IL-KWADRU TA' SAN ĠUŻEPP

Dan il-kwadru jirrappreżenta l-ħarba ta' San Ġużepp lejn l-Eġittu bil-Madonna u binhom Ġesù. Nistgħu nsejħulu kwadru evanġeliku għax tabilħaqq il-ħsieb tal-pittur huwa mnebbaħ mill-Vanġelu ta' San Mattew fejn naqraw: "L-Anġlu t'Alla deher fil-ħolm lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu t-tifel u 'l ommu, u aħrab fl-Eġittu, u oqgħod hemm sakemm ngħidlek, għax sejjer jiġri li Erodi jfittex it-tifel biex jeqirdu"." (Kap 2, 13).

Il-kwadru fih ħames persunaġġi: San Ġużepp, il-Madonna, Ġesù Bambin, u żewġ anġli. Il-persuna dominanti ta' dan il-kwadru, kif jixraq, huwa San Ġużepp. L-għajnejn bilfors jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq dan il-Missier Putattiv ta' Ġesù Kristu. Naturalment billi San Ġużeppi kellu jkun it-tema ċentrali tal-kwadru, il-ħsieb dominanti tal-pittur kien li jispikka fost kollox il-persuna ta' dan il-qaddis.

L-awtur għażel li jpinġi lil San Ġużepp bi lwien kemm xejn mitfijin u bir-raġun l-għaliex skond id-deskrizzjoni tal-Vanġelu San Ġużepp huwa 'il-bniedem ġust' u bħala tali, il-pittur ma setax jagħtina xbieha ta' dan il-qaddis b'kuluri jgħajtu għax inkella kien ikun qed joħroġ mill-atmosfera evanġelika.

Il-libsa ta' San Ġużepp hija blu skur fil-waqt li l-mantell huwa ta' lewn kannella mitfi. Dawn iż-żewġ kuluri jkanġu tajjeb ferm għall-għajnejn tal-bniedem. Iħares lejhom kemm irid mingħajr ma jagħtuh l-iċken fastidju u fuq kollox jixirqu ħafna għall-persuna umli ta' San Ġużepp. Il-karnaġġjon ta' wiċċu jixhed tabilħaqq li huwa bniedem mhux ta' din l-art, imma tas-sema. Il-bixra ta' wiċċu turi biċ-ċar li huwa bniedem jew aħjar missier megħobbi bir-responsabilità ta' familja li minnha jiddependu l-interessi spiritwali tal-familja universali tal-bnedmin kollha tad-dinja. Il-wiċċ tiegħu ħosbien jidher li hu missier li jaf x'inhuma d-dmirijiet tiegħu quddiem Alla u jixhed ukoll li f'din l-okkażjoni tal-Ħarba lejn l-Eġittu, San Ġużepp, bħalma jgħallmuna l-għorrief tal-knisja, ġie maħtur Protettur tal-bnedmin kollha. Għamel sewwa għalhekk il-pittur li ħdejn San Ġużepp pinġa Anġlu l-aktar sabiħ u ħelu qiegħed donnu jagħmel il-kuraġġ lil dan il-kbir qaddis li kellu jgħix f'atmosfera misterjuża għal bosta żmien. Nisthajlu dan l-Anġlu qiegħed jgħid lil San Ġużepp: "Ġużeppi, bin David, jien l-istess Anġlu li għarraftek biex ma tibżax tieħu b'martek lil Marija għax li nisslet fi ħdanha huwa frott ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk issa nqawwilek qalbek biex b'tama qawwija tmur lejn l-Eġittu għax dak kollu li qed jitwettaq ġej mis-sema."

L-Anġlu ta' ħdejn San Ġużepp liebes l-abjad bħas-silġ ta' l-ogħla bħal dak il-lewn bajdani tal-ħalib meta jkun safi minn kull tingis. Il-libsa ta' dan l-Anġlu hija tabilħaqq maħduma bl-ilwien tas-sema, b'dawk il-ħjut ta' dija li fit-Triq tal-Ħalib jiddiru ta' kuljum fid-dija ta' xi ljieli sajfija. Il-karnaġġjoni u l-ħlewwa ta' wiċċu huma xhieda ħajja li l-għamara tiegħu mhix ta' din id-dinja fejn il-ħamla tal-passjonijiet bla rażan tista' tkaxkrek lejn il-wied infami tal-ħtija, imma s-sema fejn ma jkun hemm u la għuħ u lanqas għaks. L-għajnejn ta' dan l-anġlu qishom żewġ raġġi ta' dija herġin mix-xemx u juru biċ-ċar l-hena, il-ferħ, l-armonija u t-tgawdija li jsaltnu fil-Belt fejn jgħammar Alla nnifsu.

Il-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha tinsab riekba fuq il-ħmar fl-isfond ta' dan il-kwadru. Il-wiċċ ta' din l-Omm Xebba ta' l-ewwel daqqa t'għajn jimpressjonak u jagħtik ħjiel li l-qalb tal-Madonna kienet misluħa mid-dwiefer tan-niket, ta' l-hemm u ta' l-imrar. Donnha qed tgħid lil dawk kollha li jħarsu lejha: "Araw jekk hemmx xi għali bħall-għali li qeda ngarrab jiena." U bir-raġun il-pittur pinġa fuq il-wiċċ tal-Madonna swied ta' qalb għax mhix ħaġa faċli għall-omm li jkollha ġġarrab l-eżilju, 'l bogħod minn art twelidha minħabba Binha li għadu tarbija tal-fisqija, u trid tgħix ħajja f'ambjent kollu kemm hu għarib għaliha. Għalhekk il-wiċċ tal-Madonna jinsel ħasra fil-qalb ta' kull min jarah, madanakollu l-artista b'sengħa mhux komuni għaraf iżewwaq l-ilwien ta' ħaddejha b'manjiera li jpaxxu l-għajnejn hekk kif l-ilwien tal-fjuri ġewwa l-ġonna jitħalltu u jagħmlu dehra li ssaħħar l-għajnejn.

L-ilbies ta' din ix-xebba Lhudija huwa l-ilbies tradizjonali: libsa ħamra u mantell kaħlani. Mhux l-ewwel pittur u mhux l-ewwel darba li l-Verġni Marija ġiet mlibbsa ħwejjeġ ta' dawn il-kuluri. Il-lewn kaħlani l-pittur jagħmel użu minnu biex jlibbes lill-Madonna għar-raġuni li s-sema għandu l-istess kulur biex jgħallem biċ-ċar li x-xebba Marija għalkemm kienet tgħix fid-dinja ma kenitx tgħix għad-dinja, imma għas-sema pajjiżha. Il-lewn l-aħmar jmbagħad fl-ilbies tal-Madonna huwa ndikazjoni ċara li l-Verġni Marija għaddiet ħajjitha tgħum f'baħar ta' niket u mrar minħabba Binha Ġesù u fil-fatt għalhekk tissejjaħ is-Sultana tal-Martri. Il-ksur u d-dellijiet tal-mantell huma xhieda ħajja ta' kemm kien espert fis-sengħa tat-tpinġija dan il-pittur tas-seklu tmintax u dsatax, Mikiel Busuttil.

Jolqot ukoll mhux ftit l-għajnejn il-ħlewwa ta' Ġesù Tarbija f'ħoġor il-Madonna li bil-ħarsa tagħha fissa fuq dan Binha donna qed tgħidlu: "Għalik, qed nsoffri dan kollu." Il-wiċċ taċ-ċkejken Ġesù huwa kollu hena ta' tgawdija, wiċċ bajdani bħad-dija tax-xemx, wiċċ tabilħaqq li jixhed ġenna ta' sbuħija u bħal donnu jfakkrek f'dik ix-xena ta' fuq it-Tabor meta Ġesù tbiddel quddiem l-Appostli Pietru, Ġakbu u Giovanni, u kull min iħares lejn dan il-wiċċ jisthajlu jintilef ġo ħolma smewwija u bħal San Pietru jistqarr f'qalbu "Tajjeb li aħna noqogħdu hawn nħarsu lejn il-wiċċ kollu dija ta' Ġesù għax idewwaqna mill-benna li hemm ġewwa l-ġenna"

Il-figura ta' l-Anġlu f'ras il-ħmar ma nistgħux nħalluh barra għaliex il-pittur taħ ċerta prominenza mhux ħażin. Fil-fatt dan l-Anġlu qed iżomm f'idu l-waħda ġilju bajdani li huwa figura tal-bjuda ta' ruħ il-kastissimu San Ġużepp u għalhekk il-ġilju bajdani fil-ħolqien tal-pittura huwa sinonimu tal-purità ta' San Ġużepp. Dan l-Anġlu huwa liebes ilbies skur. Naturalment l-iskop tal-pittur huwa li dan l-Anġlu ma jieħu bl-ebda mod il-preċidenza fuq l-anġlu l-ieħor fil-ġirarkija talvaluri. Fuq il-wiċċ ta' dan l-anġlu wieħed jaqra biċ-ċar li din hija ġrajja ta' swied il-qalb fil-ħajja tal-Familja Mqaddsa. Dawk l-għajnejn miksurin ta' l-Anġlu jnisslulek id-dmugħ tan-niket fi xfar għajnejk u jfakkruk li tabilħaqq Ġesù u l-familja tiegħu kellhom jgħaddu ħajja ta' tiċħid, ta' tgħakkis u ta' tbatijiet. Id-dellijiet li l-artista għaraf jixħet fuq dan l-anġlu flimkien mal-ksur tal-mantell tiegħu jġagħluk issammar għajnejk fuqu. L-id li biha qed iżomm ir-riedni tal-ħmar hija ndikazjoni ċara li din il-ġrajja mhix ħlief ir-rieda t'Alla li trid tiġi mwettqa għas-suċċess tal-Pjan tas-Salvazzjoni.

Ma nistgħux nħallu barra l-ħmar għax għalkemm jiġi mgħajjar bħala animal nieqes mill-intelliġenza madanakollu huwa msemmi fil-Vanġelu u għalhekk jixraqlu trattament wisq aħjar milli jagħtuh ċerti ndividwi. Il-lewn tal-ħmar huwa griż skur u b'rasu baxxuta juri li huwa qaddej fidil f'idejn sidu u li hu lest biex jogħod għarrieda ta San Ġużepp. Dak riġlu mixħut 'il quddiem jurik li huwa lest u pront biex jibda l-vjaġġ tiegħu lejn l-Eġittu.

Il-kwadru fil-kompless tiegħu huwa tabilħaqq kopja fidila u eżatta tal-kwadru oriġinali li ħareġ mill-pinzel tad-Domenichino. Il-pittur Mikiel Busuttil fuq it-tila għaraf tabilħaqq joħloq xbiħat ħelwin li quddiemhom jixxejjen anki ġmiel il-ħolqien.

ŻOMMU

GĦAWDEX

NADIF

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI TA' MARIJA ASSUNTA

KWINDICINA:

Mid-29 ta' Lulju sad-9 ta' Awissu, fis-7.00 p.m., Rużarju Kurunella tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Wara quddiesa bil-kant bil-Malti li fiha ċ-ċelebrant jinseġ l-omelija ta' l-okkażjoni.

Mill-31 ta' Lulju sa l-14 ta' Awissu, fis-7.00 a.m. quddiesa solenni kantata bil-Malti fil-preżenza tar-Rev.mu Kapitlu.

Il-Predikaturi ta' l-ewwel 12-il ġurnata tal-Kwindiċina sa jkunu: Dun Akille Cauchi; l-Arċipriet Dun Karm Mercieca; Dun Ġużepp Curmi; u Dun Ġużepp Buttigieg.

Il-Ħadd, 6 ta' Awissu: Fl-10.00 a.m. Ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant ta' innijiet Marjani.

Il-Ħamis, 10 ta' Awissu: Fis-6.00 p.m. quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa matul is-sena. Fiha l-qraba tal-mejtin jagħmlu xi offerti ta' flus.

Fit-8.30 p.m. 'Il-Ballata tal-Konvoy ta' Santa Marija' — kitba ta' Anton Farrugia. Tinżamm fil-pjazza tal-Katidral.

Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu: Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni tas-saċerdoti novelli għat-tfal tal-parroċċa li fiha l-istess tfal jaqraw siltiet bibliċi.

Fis-6.00 p.m. quddiesa 'folk' għall-'Aurora Youth Movement'. Iqaddes id-direttur Spiritwali tagħhom Mons. Teol. Giovanni Gauci S.Th. D., J.C. Lic.

Fis-7.00 p.m. Għasar Kantat bil-Malti b'żewġ ilħna differenti ta' Patri A. Borg O.S.A., Kumpieta, priedka mir-Rev.du Dun Lawrenz Mifsud, Arċipriet tal-Birgu.

Is-Sibt, 12 ta' Awissu: Fis-7.00 p.m. jkun hemm l-istess funzjoni ta' l-ewwel jum tat-tridu. Fis-7.30 p.m. quddiesa solenni ċelebrata mill-Arċipriet Dun Lawrenz Mifsud li fiha jinseġ l-Omelija ta' l-okkażjoni. Din il-quddiesa tkun tgħodd għall-preċett tal-Ħadd.

Il-Ħadd, 13 ta' Awissu: Fis-7.15 a.m. quddiesa mill-Kurat Mons. Carmelo Scicluna għal kull kategorija ta' nies fil-Kommunita' parrokkjali li fiha jinqraw appelli qosra minn missier, omm, ħaddiem, għarus, għarusa, żagħżugħ, xebba, tifel u tifla.

Fil-5.00 p.m. jkun hemm l-istess funzjoni ta' l-ewwel jum tat-Tridu.

It-Tnejn, 14 ta' Awissu, fis-7.30 a.m. wara l-quddiesa kantata tal-Kwindiċina, "Te Deum" bil-mużika. Fit-8.00 a.m. quddiesa mill-E.T. l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Cauchi Ph.D. Lic.Sc. Soc., li warajha jqassam 'hampers' ta' l-ikel għall-familji numerużi tal-parroċċa. Fil-5.00 p.m. Daħla solenni ta' l-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof N. Cauchi fil-Katidral fejn jiġi milqugħ mir-Rev.mu Kapitlu. Translazzjoni u Għasar Pontifikali, kant tal-Kumpieta u ta' Litanija tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

Fis-7.30 p.m. quddiesa proprja tal-vġili li tkun tgħodd għall-preċett tal-Ħadd.

It-Tlieta, 15 ta' Awissu: Jum il-Festa, fis-6.15 a.m., konċelebrazzjoni mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Fit-8,15 a.m., kant ta' Terza u Quddiesa Solenni Pontifikali mill-imsemmi Isqof li fiha jinseġ l-omelija ta' l-okkażjoni. Wara l-Pontifikal Mons. Isqof jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Fl-4.30 p.m. quddiesa letta u wara għasar solenni bil-mużika, kumpieta, antifona tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Wara tibda hierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' l-Assunta li tkun immexxija mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.

N.B. (1) Matul il-kwindicina jsir quddies fid-djar tal-morda tal-parroċċa;

(2) Il-kant kollu bil-Malti ta' matul il-festa jsir mill-korijiet "Pueri Cantores" u 'Maria Assunta" taħt id-direzzjoni ta' Miss Maria Zammit L.R.S.M.

(3) Il-mużika ta' matul il-festa kollha tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast tal-Kappella, Mons. Ġużeppi Debrincat.

(4) Il-ħinijiet tal-quddies nhar il-festa jkunu hekk: 4.15 a.m.; 5.00 a.m.; 5.30 a.m.; 6.15 a.m.; 7.00 a.m.; 8.00 a.m.; 8.30 a.m. (kantata); 10.30 a.m.; 12.30 p.m.; 1.00 p.m. u 4.30 p.m.

(5) Fil-festi ta' barra sa jieħdu sehem dawn il-baned: "Leone", "La Vallette", "Victory", "St. Joseph", "Prekursur", u "Mnarja".



L-AURORA YOUTH MOVEMENT

L-"Aurora Youth Movement" li ġie mwaqqaf f'Ġunju li għadda jiġbor fih il-maġġoranza taż-żgħażagħ tal-Parroċċa tal-Katidral.

L-iskop li għalih ġie mwaqqaf dan il-moviment hu li jipprovdi mezzi biex iż-żgħażagħ ikabbru l-kultura tagħhom. F'dawn il-ftit ġimgħat li ilu jeżistu l-A.Y.M. ġew organizzati bosta attivitajiet kulturali u soċjali. Biżżejjed insemmu li numru sabiħ ta' żgħażagħ qegħdin jattendu għas-'summer courses' li qed iżomm il-Moviment. Dawn il-korsijiet jikkonsistu f'lezzjonijiet ta' diversi suġġetti bħalma huma: Taljan, Franċiż, Kimika, Bijoloġija, Fiżika, Elettriku, u Electronics.

Għal-lezzjonijiet tat-Taljan qegħdin jattendu 'l fuq minn 60 student, filwaqt li għal lezjonijiet tal-Franċiż jattendu aktar minn 30 student. L-Għalliema li qegħdin imexxu dawn il-korsijiet huma kollha kwalifikati u qegħdin jużaw mezzi audio-viżivi l-aktar moderni bħalma huma 'tape-recorders' 'slides', etc.

Fost l-attivitajiet soċjali li ġew organizzati mill-Moviment, nsemmu is-'social' tat-3 ta' Ġunju li għalih attendew aktar minn 400 membru, il-'July Fool-moon Pizza Party' li nżammet fiċ-Ċittadella, kif ukoll 'dance' li sar fis-16 ta' Lulju fit-Teatru l-ġdid li qiegħed jinbena fi Triq it-Tiġrija, ir-Rabat.

Dan kollu jixhed li l-Moviment qed joffri liż-żgħażagħ tal-Parroċċa tal-Katidral divetrimenti xierqa u tagħlim ta' fejda li jkabbar l-edukazzjoni tagħhom u jgħinhom jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

Il-Moviment huwa maqsum f'disa' gruppi li huma: 'Entertainment Group'; 'Art and Home Decoration Group'; 'Sports Group' (indoor & outdoor); 'Drama Group'; 'Stage Dancing Group'; Music Lovers Group'; 'Science Group' u 'Foreign Languages Group'. Ma jgħaddix jum wieħed biss li fil-premises, li ġentilment ġew offruti mill-Management tat-Teatru "Aurora", ma jkunx hemm ta' l-anqas żewġ laqgħa tas-sotto-kumitati li jieħdu ħsieb il-gruppi msemmijin hawn fuq.

Il-Moviment ser joħroġ ukoll 'magazine' jismu "Rand u Fjur" li l-ewwel ħarġa tiegħu tkun fl-idejn fil-ġranet ta' qabel il-festa ta' Santa Marija.

Bħala konsultur u direttur spiritwali dan il-Moviment għandu lil Mons. Teol. Giovanni B. Gauci, S. TH.D., J.C., L-ewwel attivita' reliġjuża ser issir fil-11 ta' Awissu (li jaħbat l-ewwel jum tat-Tridu ta' Santa Marija) u ser tkun tikkonsisti f'Folk Mass fil-Knisja Katidrali. Il-promutur ta' dan il-moviment huwa s-Sur Anton Farrugia li ntefa' b'ruħu u b'ġismu jaħdem lejl u nhar għall-progress ta' dan il-moviment.

Jalla fi ħdan il-parroċċi kollha ta' Għawdex jinħolqu movimenti ta' din ix-xorta li fi żmienna huma meħtieġa daqs l-ikel biex iż-żgħażagħ tal-lum ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt sinċier ma' Kristu.

FOR WORLD WIDE TRAVEL
APPLY:—

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

I.A.T.A. AGENT

7, IT-TOKK SQUARE, VICTORIA, GOZO
Telephone: 76236

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA, MALTA
Telephone: 27016

TOUR PLANNERS

X'INHU L-AUROFAC?

L-Aurofac huma mediċina, jew aħjar sustanza, jiġi miżjud u mħallat ma' l-għalf ta' l-annimali.

X'EFFETT GHANDU L-AUROFAC?

L-Aurofac għandu fih il-mediċina "Aureomycin" f'għamla ta' trab fin ħafna kannella ċar li għandha s-saħħa trażżan kull xorta ta' mikrobi li jattakkaw l-annimali u għaldaqstant l-Aurofac igħin b'mod tal-għaġeb biex inaqqas il-mard mill-annimali. Barra minn hekk l-Aurofac għandu Vitamin B 12 li tagħti s-saħħa u li ttejjeb il-produzzjoni ta' l-annimali, sew jekk dawn ikunu tjur tal-bajd jew għal-laħam, majjali, jew baqar tal-ħalib.

Aġent waħdieni:

V. J. SALOMONE

10, SOUTH STREET, VALLETTA

www.gozocathedral.org.mt

Għawdex Minn Dejjem Qiem Li



Ilu issa żmien twil mhux ħażin li bdew jintbagħtu fil-Laboratorju tar-Restawr tal-Mużew Nazzjonali xi kwadri tal-pittura mill-Kollezzjoni tal-Kattidral t'Għawdex.

Din is-sena tlesta l-polittiku ta' seba' kwadri li kien jifforma l-kwadru titulari l-antik tal-Kattidral t'Għawdex. Dawn il-kwadri huma maħdumin bit-tempera u huma xogħol anonimu ta' madwar l-1500.

Dan il-kwadru antik huwa xhieda wkoll tal-qima antika li l-Għawdxin dejjem taw lill-Assunta.

DAĦLA

L-OMM IL-KBIRA

Sa minn meta l-ewwel bniedem rifes ix-xtajtiet tal-gżejjer tagħna u mar jgħammar għall-ewwel darba fl-għerien ta' Ħas-Saptan, l-aktar f'Għar Dalam mnejn tferrex għall-imkejjen kollha ta' Malta u Għawdex, huwa beda jwaqqaf imqades liż-żewġt allat tiegħu, dawk l-allat li fi twemminu kellhom setgħat ĦALLIEQA u GĦAMMIELA. Fis-Xemx huwa kien jara l-Qawwa Ħallieqa fil-waqt li fil-Qamar kien jara l-Qawwa Wellieda u Għammiela. Ix-XEMX IL-QILLA w il-QAMAR IL-ĦANINA. Lil dawn iż-żewġ qawwiet li hu tagħhom xebbagħhom miegħu nnifsu marfiċ-ċokon tiegħu ma setax jifhem, il-Kobor **RA**ġel u mal-**MAR**a u lil dawn iż-żewġ qawwiet huwa beda jwaqqaf l-imqades tiegħu, dejjem wieħed ħdejn l-ieħor. Imma billi f'dawn il-gżejjer fi-qalba tal-baħar nofsan ir-Raġel (=RuĠul =Ix-Xemx) kien dejjem juri qilltu, il-bniedem ta' Żmien il-Ħaġar kellu aktar ħtieġa tal-mara u fil-bżonnijiet tiegħu kien jitlob il-Ħajja, kien jitlob l-il-Ma tal-Ħajja, biex bih seta' jsaqqi u jbaqqi r-raba tiegħu sabiex jikbru l-uċuħ f'din l-art niexfa, jisqi l-annimali tiegħu, u jaqta' l-għatx tiegħu u ma' u f'din l-art BaGĦaliJa,

L-il-MA għall-bniedem tal-Mediterran kien ifisser il-Ħajja, u hu sewwa sew għalhekk li meta ħoloq dawk l-għelem li aħna nsejjħu l-alfabet meta ried ifisser l-ilma ħeżżeż l-għelm "m" (=Mewġ) u billi l-ilma huwa simblu tal-ħajja meta dan l-istess bniedem sawwar dak l-isem jew aħjar dik il-kelma li biha jsejjaħ l-"OMM" ħazzu "MA"; u l-ittra "m" li tfisser l-ilMA ħadet fl-ilsna kollha f'dik il-kelma li biha l-ulied jsejjħu l-OOmmhom Mhux ta' b'xejn li lill-Madonna semmewha **MARIJA**, u mhux ta' b'xejn li l Marija jsibuha bħala MaDoNNa (Omm in-Nisa).

U lil OMM IL-KBIRA, l-omm għammiela, il-bniedem Malti tal-qedem waqqaf l-imqades tiegħu u lejha kien jersaq fil-ħtiġijiet tiegħu. U balma l-lum tifel muġugħ jew beżgħan jgħajjat l-ommu, u bħalma llum wieħed kbir ikollu bżonn ta' xi grazzja jew ikun imsallab jersaq lejn l-OMM IL-KBIRA TAL-LUM — IL-MADONNA—hekk ukoll bdew u baqgħu jagħmlu missirijietna mill-bidu nett sa minn meta bnew li SKORBA —Ħaġar-Qim — Ġgantija... matul il-mixja ta' l-eluf ta' snin il-Maltin kollha. L-Omm il-Kbira niltaqgħu magħha fl-imqades tagħna mxerrda 'l heww u 'l hawn mal-gżejjer tagħna u dejjem il-Malti bikri sawwarha għammielha — dejjem sawwarha ħoxna. Dan jidher ċar fl-istatwi ta' Ħal-Tarxien, ta' Ħaġar Qim, l-Imnajdra u Ħal Saflieni.

Iżjed tard meta l-istess imqades fiż-Żmien Puniku (bħalma jixhdu is-sejbiet tas-Silġ) bdew jiġu użati mill-Feniċi u dawk ta' Kartaġni l-allat pre-istoriċi baqgħu l-istess biss bidlu ismhom, l-GĦAMMIELA saret ASTaRT (GĦEXX-T-aRT = il-bejta ta' l-art).

IMbgħad beda l-indħil barrani u Melqart sar ĦaMMuN (Amon Ra tal-Eġizzjani) Għexx'art saret ĦaMMuNa saret HeRa, saret Ġunone, saret Venere. U matul il-perijodu ruman l-allat żdiedu u kotru u dik li fil-bidu kienet LATRIA saret IDOLATRIA, iż-żewġ allat ħallieqa bdew jingħataw ismijiet qotrana ġodda: Flora, Februa, Ġunone, Proserpina, (kontra l-veleni tas-sriep) Venere, għadd ta' attributi u titoli differenti lill-istess alla mara.

U mbgħad tfaċċa d-Din nisrani. Post l-OMM IL-KBIRA ittieħed mill-OMM IMQADDSA u matul l-ewwel għaxar sekli tal-knisja, il-kult lejn il-Madonna kiber u ħareġ il-friegħi. U il-Madonna — OMM ALLA, u għax OMM ALLA, OMM IL-ĦLEJJAQ KOLLHA TIEGĦU — u għax OMM il-ħlejjaq kollha allura l-Omm il-KBIRA, ġep fuqha msawba l-attributi kollha ta' l-allat femminili pagani. Hekk ngħidu aħna l-attributi ta' Februa ġew inkorporati fil-festa tal-Gandlora. U f'ġieħ dawn l-attributi bdew telgħin il-knejjes u tempji pagani mibdula. B'hekk nibtu matul is-sekli knejjes dedikati lill-Madonna taħt diversi titoli. Post il-Maħbuba tar-Rumani u l-Mibgħuda mill-ewlenin insara ta' l-ewwel ħames sekli VENERE tirxoxta sabieħa u safja mill-ilmijiet ġie meħud minn SANTA MARIJA li bla TEBGĦA qabel it-Twelid, fit-Twelid u wara it-Twelid, bla Mittiefsa fil-mewt ġiet mgħollija is-sema, MIRIAM IL-KEWKBA TAL-BAĦAR.

U l-knejjes f'ġieħ il-Madonna taħt kull titlu twaqqfu u fost dawn nibtu kotrana dawk f'ġieħ l-Assunta. Dan ġara banda oħra... dan ġara f'Għawdex. U l-għan ta din il-kitba hu li nduru dawra ma' Għawdex u naraw fejn kienu weqfin il-knejjes f'ġieħ l-Assunta, f'ġieħ Santa Marija.

A—F'KEMMUNA

F'Kemmuna l-gżira żgħira tal-flieġu li jifred lil Malta minn Għawdex, liema gzira pero' tagħmel ma' Għawdex, għal dik li hi ġurisdizzjoni Ekklesjastika u Ċivili, l-għadd ta' knejjes ma kienx kbir bosta. Kien hemm il-knisja ta' S. Awrika li kienet tħares lejn Ras il-Qala, dik tal-Ħarba lejn l-Eġittu sal-lum magħrufa bħala ta' Santa Marija, fir-ramla ta' S. Marija, u ta' S. Niklaw (San Nikola) fil-qala omonima. (1)

S.S. MARIJA (?) JEW SANTA MARIJA TA' L-EĠITTU

Il-knisja f'ġieħ S. Marija ta' l-Eġittu hija hija qadima sħiħ. Fl-17 46 kienet suġġetta lejn l-Isqof ta' Malta. U dan bir-raġun billi sakemm Għawdex sar djoċesi għalih kien hemm isqof wieħed djoċesan, u l-knisja kienet tagħmel mal-mensa veskovili.

Fis-sena **1667** ġiet mill-ġdid irranġata u miftuħa mill-Isqof Cannaves fis-1716 (2) wara li kienet ġiet ipprofanata fil-visita ta' **l-1667** mill-Isqof Mons. Bueno (3), il-port iż-żgħir fejn tinsab jissejjaħ il-Qala ta' S. Marija, jew ta' l-Eġittu, mill-isem tal-knisja li tinsab hemm.

Ma nafux jekk din il-knisja ta' S. Marija fl-Eġittu hijiex l-istess waħda magħrufa bħala ta' S. Marija msemmija f'portulan tas-**seklu XII**, li lejh ġibidli l-attenzjoni s-Sur li kienu jgħaddu l-fliegu fuq il-mantar tagħ-Mario Buhagiar tal-Mużew Nazzjonali tal-Belt Valletta. Hu x'inhu, kemm jekk hija l-istess, kemm jekk kien hemm oħra, dan jixhed kemm il-kult lejn il-Madonna fuq Kemmuna kien bikri. U din il-knisja f'ġieħ 'SANTA MARIJA' kienet qadima daqs dik tal-Qala ta' Ġew li kienet f'ġieħ S. MARIJA, tant li Agius De Soldanis jgħidilna li fil-knisja ta' S. Marija ta' l-EĠITTU kien jgħix wieħed eremit Malti fl-istess żmien li li kien jgħix ieħor fis-Santwarju tal-Qala. Dawn, iżid il-kittieb, kienu ta' sikwit jiltaqgħu, bilhom. Wieħed minn dawn, jemmnu li hu midfun f'dan il-qabar għażiż (il-Qabar tas-Santarju tal-Qala) (4). Minn din it-tagħrifa ta' De Soldanis nisiltu l-fatt li ż-żmien li fih kienu jgħixu ż-żewġ Eremiti, fil-waqt li dik tal-Qala kienet dedikata żgur lil S. Marija, dik ta' Kemmuna kienet dedikata lill-ħarba fl-Eġittu. U dan jwasalna għall-komkluzjoni

oħra jiġifieri, jekk ...
fl-istess żmien bħal ...
li skond ma jikteb ...
dawn l-irħieb kienu ...
għall-egħluq li jew ...
f'ġieħ S. Marija fis- ...
teżisti l-lum f'ġieħ ...
il-bidu tagħha lis- ...
kienet magħrufa b ...
bħalma fil-fatt għ ...
kemm hi u kemm ...

Illum din il- ...
dizjoni ta' l-Isqof ...
parroċċa ta' Għa ...

1. Farrugia Mons. G. ...
2. Farrugia Mons. G. ...
3. Scicluna Mons. C. ... Għawdex" p. 63.
4. Farrugia Mons. G. ...
5. "s-Santwarju N...

B—SANTA MARIJA ... U FL-INĦAWI TAGĦA

Is-Santwarju ta' S...

Żgur li l-Knisja ... warju ta' Santa Mari... Kunċizzjoni, hija w... f'ġieħ l-Assunta f'G...

"Ma Għawdex ... aktar mirakoluża ... is-sena kollha" (2) ... Cagliares fis-sena ... lill-Kunċizzjoni ... li dak l-isem tal-Ma... u hu wkoll l-isem ... Gran Kastell li fi... ta, ma riedx li ... l-festa f'jum ... kollu ma hawn ... tar miracoluza ... l-ebda waħda ma ...

Li l-Qala huwa ... f'Għawdex mgħ... jixhduh il-fdalijiet ... biss il-ĦAĠRA M... Grunja) li tinsab ... SALIB, u IL-GĦA... f'Daħlet Qorrot (5).

"... Jista' jkun ... ebda sies, dan is-s... wel darba mibni fu... qamid ta' l-ewwel ... għammru dawn il-... warju tal-Qala jins... taż-żminijiet l-imgħ... li tfakkarna f'dak ... ewwel nies ta' qabe... mru l-gżejjer tagħ... lewlnan bħala wirt ... egħliem ta' twemm... warju ... jinsab ... bħala IL-ĦALQ ... Il-bidu tiegħu hu ... jiet: u forsi wieħed ... qabel il-kristjane... avevano in quei tem... santwarju sata' kie... sara li kien ġie ... (8).

IT-TRADIZZJONI

Tradizzjoni li għ... nibtu għadd ta' ... "storja" tal-bidu tas-... ja" hi l-eku tal-leġġ... tagħna (Cf. Il-leġġ... tad-Dell). Hekk hu ... Qala kienu għallu ... biċċa art li wara b... u diġa' kien ingħata ... għada fil-għodu, il-... f'dak l-imkien fejn ... sabuhx hemm, imma ... bl-isem ta' IL-ĦALQ ...

www.gozocathedral.org.mt

Lil Santa Marija

emiti kienu jgħixu
għid it-tradizzjoni, u
nu Vella Haber (5)
ixu flimkien biss xi
kien hemm knisja
XII, inkella li dik li
arija ta' l-Eġittu taf
XII u għall-qosor
ala ta' S. Marija
magħrufa sal-lum,
ja taħtha.
li hija taħt il-ġuris-
wdex tagħmel mal-
m.

awdex II" p. 76 n. 94.
awdex I" p. 24.
antwarji Marijani f'
awdex II" p. 97 n.n 1
tal-Qala", 1946, p. 20.

-QALA
A
Marija:

ew tal-Qala, s-sant-
(1) sa mill-1615 tal-
mill-eqdem knejjes
dex.
a tarax knisja oħra
ar tgeġweġ bin-nies
ghalhekk li l-Isqof
nmejna, d-dedikaha
, "għax billi nzerta
tielgħa s-sema kien
nisja ewlenija tai-
tagħha ssirilha l-fes-
ewġ knejjes jagħmlu
(3). "F'Għawdex
l-anqas xbieha ak-
tal-Qala, u wkoll kif
jura daqshekk." (4).
ieħed mill-imkejjen
mill-bniedem bikri
k l-inħawi. Insemmu
QFA (il-Ħaġra ta'
ta' ġebla minn TAS-
TAL-IMSAQQFIN

u din mhix ħaġa bla
arju famuż ġie l-ew-
ħerba ta' xi tempju
ssierijiet tagħna li
er..." (6). "Is-Sant-
mdawwar bil-ħerba
ja, minn dik il-ħerba
ien ta' qedem meta l-
storja, żaru u għam-
dawk in-nies li ħal-
mpji tagħhom bħala
." (7). "... Is-Sant-
fil-post magħruf
af min jaf kemm.
fid-dlam taż-żmini-
ga li jmur għal
(Questi avevano ed
tempii loro) ... u s-
mpju ta' qabel l-in-
fi knisja nisranija"

ħajja (u li minnha
ti) wasslitilna li
warju. Din li "stor-
popolari pagani
tal-Ġebel tas-Sur
għad: "Dawk tal-
l-"knisja" tagħhom
ssejjaħ TAS-SALIB,
u għax-xogħol. L-
minnhom meħud
ssir il-"knisja" ma
uh fil-post magħruf
ngħad li dan il-ġarr

singulari tenna ruħu bosta drabi, sakemm dawk tal-Qala qatgħuha li l-"Knisja" tagħhom jwaqqfuha fejn huwa l-lum is-Santwarseklu qabel l-1597, dan ifisser li dak ta' S. Marija tal-Qala huwa eqdem sgur minn dak ta' S. Marija ta' l-Eġittu f'Kemmuna, għaliex nafu li n-nies tal-Qala fl-1597 kienu jiftakru l-isem ta' tal-Pellegrin Gakbu li għex hemmhekk xi 600 sena qabel. U hawn allura naslu ju." (9). Fuq il-qatgħa art li kienu kisbu l-ewwel biex hemm jibnu l-"knisja" waqqfu SALIB b'tifkira, salib li għadu hemm wieqaf. Għal dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' dan is-Salib, hemm varjanti oħra tat-tradizzjoni li tgħid li dan twaqqaf mhux wara li ġie deċis li l-"knisja" tinbena f'ta' Il-Ħalq, imma qabel sabiex il-waqfien tiegħu jqaddes l-art u l-ġebel ma jerġax jinġarr f'ta' Il-Ħalq. (10)

IL-ĦALQ:

"L-isem il-Ħalq jirriferixxi għal proprjieta' tal-post jew għal fatt storiku, imma billi t-tifsiriet tal-verb ĦaLaQ huwa varjanti inżomm ruħi lura mit-tagħrif filoloġiku..." (11). Imma ngħid għalija inħoss li dan l-isem ingħata lil dak l-imkien bħalma ingħata dak tal-GĦARB in-naħa l-oħra tal-gżira. U bħalma għax-xaqliba tal-Għarb tinżel ix-Xemx il-Qawwa ĦaLLieQa u GĦaMMieLa ta' Żmien il-Ħaġar hekk ukoll dan l-istess ĦaLLieQ jitla' mix-xaqliba tal-Qala, mix-xaqliba tax-Xerk (Lvant), mix-xaqliba ta' il-ĦaLQ. Il-ĦoLQieN huwa l-bidu, il-ĦaLQ huwa fejn tibda' l-Ħajja ... fejn jibda Għawdex min-naħa mnejn titla' x-xemx li kif kien emmnut kienet il-bidu ta' kull ħaġa.

IL-ĦAĠRA MWAQQFA:

Tefgħu ta' ġebla minn Tas-Salib hemm il-Ħaġra Imwaqqfa (il-Ħaġra ta' Grunja), għelm tal-Qawwa attiva ħallieqa. Il-ħaġra hi twila 10 piedi u 9 pulzieri, wiesgħa 7 piedi, ħoxna 3 piedi u 3 pulzieri isfel u fuq 2 piedi u nofs. F'xi żmien kienet itwal, iżda wieħed bidwi li donnu kien jaf li dik hi xbieha ta' l-alla Għammiel ta' l-alla Għammiel ta' l-imgħoddi, qiegħed fuqha statwa ta' S. Ġużepp biex bħal kieku jgħammidha. Biex qiegħed din l-istatwa kellu jaqta' biċċa minn fuq biex irranġa bażi u b'hekk ċkienet. Din l-istatwa dawra ta' 40 sena ilu ġiet imneħħija fuq ordni tad-direttur tal-Mużew.

IL-LEĠĠENDA:

"Fuq il-Ħaġra Mwaqqfa (Ta' Grunja) jgħidu li ġarritha mara twila daqs il-ġebla darba u nofs. Kienet titla' fuqha tagħżel. Fil-bwiet tagħha kienet toqgħod tomna fuq. Madwar il-ġebla hemm żewġ ħofriet (12). Jingħad li ħaditha hemm Mara sabiex isservi ta' banketta. Min jaf forsi riedet TGĦASSES ir-raba' dik il-mara għarfa u ma kellhiex fejn tpoġġi għalhekk ħadet il-ġebla kbira x'aktarx minsija fil-barriera ta' Ċenċ (13).

Kienu jarawha għaddejha din il-mara b'dak il-ħaġar kbir fuq rasha. Kellha tarbija min jgħid fuq driegħha, min ġewwa but quddiema, min ġewwa benniena mdendla minn għonqha għal fuq daharha; f'butha nofs tomna ful, kellha wkoll wiżna masri, hija u miexja tiekol il-ful u tagħżel il-masri u terfgħa idha twieżen il-ġebla ... minn hemm (ta' Ċenċ) ġarret il-Ħaġra mwaqqfa tal-Qala u l-Ġebel ta' Borg Għarib ħdejn Għajnsielem (14).

BORĠ GĦARIB:

F'Għajnsielem xi 50 metru 'l bogħod mil-fdal pre-istoriku ta' L-IMREJSBIET, insibu fdal ieħor mibni b'ġebel kbir li jmur lura għall-istess żminijiet. Dan il-fdal neolitiku huwa l-aktar magħruf min-nies bħala BORG GĦARIB liema fdal huwa wkoll imsensel mal-knisja ta' ġewwa tal-Qala, bħalma l-Ħaġra ta' Grunja hija msensla ma' Tas-Salib u tas-Salib huwa msensel ma' Il-Ħalq.

IL-LEĠĠENDA:

Jingħad li hemm (tal-Qiegħan) f'Borġ Għarib hemm l-Għoġol tad-deheb (15). Din tal-għoġol tad-deheb li jinstab moħbi 'l hemm u 'l hawn niltaqgħu magħha f'ħafna nħawi f'Għawdex, tista tgħid kullfejn jinstabu fdalijiet ta' Ħaġar Kbir. Hemm min jgħid li jinstab ix-Xewkija fl-inħawi ta' Maqgħad ix-Xejk (fejn hija r-rotunda l-lum), oħrajn jgħidu li hu l-Ggantija, issib oħrajn li jtennu li huwa fil-Borġ ta' l-Imramma fejn għadhom jarawh jira' u bħal djamant 16). Min jgħid li nstab moħbi fuq Borġ Għeritu (Fuq is-Sur), ta' Gelmus, f'Għajn Milel fiż-Żebbuġ, f'tal-Mulejja ir-Rabat (it-Triq tal-Għajn) in-Nuffara, ir-Ramla, il-Merzuq jew ta' Brarat. Hemm min jgħid li dan l-għoġol bi djamant fuq għajnu jinstab fl-Nhasi qrib Wied Ħsara (Sara) taħt ta' Gelmus (17). Frenċ tal-Għarb darba qalli li jgħidu li jinstab moħbi fix-Xaqqufija. Jingħad ukoll li dan l-Għoġol tad-deheb instab mill-Prazz fid-Dwejra f'għar u biegu lill-ġurat Ġużepp Cassar imlaqqam Jusef (18). Imma niġu għal-leġġenda ta' Borġ Għarib li għandha x'taqsam mal-knisja ta' ġew tal-Qala.

"Ħafna u ħafna snin ilu tgħid il-leġġenda ta' kuljum "DELL TA' RAĠEL" fuq iż-żiemel kien jiġi mix-xaqliba tal-Għarb salknisja ta' Ġew tal-Qala u hemm jixgħel il-lampa quddiem il-Madonna. Kien jiġi kuljum u qatt ħadd ma ħasel iwaqqfu, jżommu jew ikellmu.

Darba wieħed "Għarib" waqt li d-Dell fuq iż-żiemel kien fi triqtu lura mill-knisja tal-Qala, fettillu jwaqqfu billi qabad ma' denb iż-żiemel hu u għaddej. Żegħer iż-żiemel, ippinna, u libet ma' l-ixprunar tad-Dell. Iż-żiemel sferra u ħarab bl-Għarib xkanat warajh. B'dan it-tbagħtir iż-żiemel baqa' sejjer sa tal-Qiegħan f'Għajn Sielem fejn l-Għarib telaq denb iż-żiemel u miet hemm. Ħadd ma zzarda jmiss il-fdalijiet tiegħu. Baqa' hemm fl-art, jinten ... ikel għad-dud ta' l-art, u għat-tajr ta' l-ajru (l-isqra, il-bugħadam u l-barbaġanni). U billi l-intiena tiegħu mliet l-arja ... kull min kien ikun għaddej kien iwaqqab il-ġebel għal fuqu. F'qasir żmien radmuħ u il-radam sar munżell, sar Borg u sal-lum tal-Qiegħan għadu magħruf bl-isem ta' BBORG GĦARIB (Borg Għarib frazi maltija li tfisser, Borg il-Barrani). Id-dell fuq iż-żiemel ma deherx iżjed (19). Varjanti oħra ta' din il-leġġenda tgħid li dan ir-raġel fuq iż-żiemel li kien jiġi minnaħa ta' l-Għarb, iżżid li dak li ħabat għalih kien Għarbi (20).

"Li s-Santwarju tal-Qala kien jeżisti matul il-ħakma Għarbija (870-1090) wieħed jista' jisiltu minn din il-varjanti ta' Borg Għarib (21). Imma GĦARIB tfisser mhux bis spellegrin, bħalma naqraw fil-katekismu djoċesan ta' Malta (Ħobb il-għajrek, qarib u għarib) — "Ilqa' il-Għorba), imma tfisser BARRANI (22), u tfisser ukoll wieħed ġej mill-Għarb, ġej mix-xaqliba tal-Punent. Magri jaħseb il dak li kien imdorri jixgħel il-lampa quddiem is-Santwarju kien barrani (23), imma ma wieħed ma jridx jinsa li skond l-istess leġġenda l-kelma "Għarib" ma tingħatax lix-xellej tal-lampa imma għal dak li hebb għalih, għal dak li skond l-istess leġġenda miet hemm fejn wara bdew jgħidulu Borġ Għharib. F'Malta wkoll fl-inħawi taż-

ġabra ta' tagħrif originali minn John Bezzina

Żurrieq niltaqgħu ma' Qabar il-Għarib (24) u għalhekk ma nistgħux ngħidu kif qal Magri li din il-leġġenda turi mija fil-mija li s-Santwarju tal-Qala kien jeżisti matul il-ħakma Għarbija l-għaliex "Għarib" ma għandu x'jaqsam xejn mal-Għarab, għaliex kif għidna din il-kelma tfisser dak li jgħix 'il bogħod mill-imgħammar, eremit, pellegrin, strangier (25) barrani ... u dan il-barrani sata' kien Għarbi.

IL-PELLEGRIN RUMI:

Mix-xhieda mogħtija minn Fra. Aurello Axaq fit-22 ta Frar 1597 fil-qorti l-qadima ta' l-Isqof, jgħidilna li huwa kien mar fis-santwarju ... u billi kien hemm qabar ... staqsa lil ta' madwaru ta' min kien dak il-qabar, ... qalulu li wieħed Ruman (Rumi jfisser wieħed mill-Imperu Ruman-Biżantin jew tal-Punent) (għalkemm fil-fatt b'RUMI NIFHMU AKTAR WIEĦED Biżantin) il kien jismu Giacomo u li kien pellegrin li żar lil S. Giacomo ta' Galizia u s-Salib Imqaddes ta' Ġerusalem għadda Għawdex fejn marad u miet. Dan ġara 600 sena ilu, jiġifieri jekk din iż-żjara ta' Giacomo ġrat tassew 600 sena qabel is-sena 1597, dan ġara fis-sena 997 W.K. jiġifieri matul il-Ħakma Għarbija (26). Din it-tradizzjoni u mhux il-leġġenda ta' Borġ Għarib li titfa' xaqq dawl li s-Santwarju tal-Qala, kien jeżisti fi tmien is-seklu 10.

KNEJJES OĦRA F'ĠIEĦ IL-MADONNA:

F'Ħondoq ir-Rummien sewwa sew fuq il-Blat, tinsab il-kappella żgħira f'ġieħ il-Kunċizzjoni, din il-knisja ma kenitx tiżiżti fl-imgħoddi, imma twaqqfet fis-seklu XIX mill-bennej Għawdxi Ġanni Said, in-Nannu tal-mejjet Astronomu Għawdxi P. Oderik Grima. Din il-Knisja li jgħidulha tal-Blat biex tintgħażel minn dik tal-Kunċizzjoni ta' Ġew ma tidħolx fl-ambitu ta' dan it-tagħrif, billi hija moderna. Aħna semmejnieha biss l-galiex afna nies jaħsbu li għandha minn żmien Żemżem. Għal aktar tagħrif dwar din il-knisja u knejjes oħra tal-Madonna f'Għawdex ara il-ktieb "Santwarji Marjani f'Għawdex" (27).

Fis-sala Kapitulari tan-Nadur jinsab kwadru antik jgħidulu l-Madonna tas-Silġ. Billi dan il-kwadru huwa antik x'uħud min-Nadur jaħsbu li t-titlu tal-knisja ż-żgħira li kien hemm sewwa sew flok il-Knisja Kolleġġjata, Bażilika u Arċipretali tan-Nadur kien tal-Madonna tas-Silġ. "Imma dan huwa żball u għandna provi żguri ..." (28).

1. Kelinu Vella Haber: "Is-Santwarju Nazzjonali tal-Qala p.7.
2. Farrugia G. Mons. "Ghawdex II" p. 95.
3. Farrugia G. Mons. "Ghawdex II" p. 95.
4. Farrugia G. Mons.. "Ghawdex II" p. 105.
5. Farrugia G. Mons. "Ghawdex I" p. 54.
6. Vella Haber ut supra.
7. Vella Haber ut supra.
8. Magri E. S.J.: "Cenni Storici sul Santuario Nazionale di S. Maria tal-Qala in Gozo." p. 6.
9. Magri E. S.J.: "Cenni Storici sul Santuario Nazionale di S. Maria tal-Qala in Gozo." p 6.
10. Magri E. S.J.: "Cenni Storici sul Santuario Nazionale di S. Maria tal-Qala in Gozo." p. 10
11. Magri E. S.J.: "Cenni Storici sul Santuario Nazionale di S. Maria tal-Qala in Gozo." p 2.
12. Berqa 7-111-1956.
13. Berqa 7-111-1956.
14. Magri E. S.J. X'Jgħid il-Malti . . . 1904 p.34.
15. Magri E. S.J.: Ruins of a Megalithic Temple at Xewkija 1906 p. 1.
16. same as above
17. Same as above
18. Farrugia G. Mons. "Ghawdex I" p. 57.
19. Farini A.: "Fiabe Tradizioni Leggende Maltesi V. I pp. 238-239.
20. Vella Haber ut supra.
21. Falzon G. Batt: "Dizionario Maltese-Italiano Inglese 1845 p. 307.
22. Magri E. S.J.: "Cenni" p. 8.
23. Same as above
24. Caruana A.E. Vocabolario della lingua Maltese 1903 p. 372.
25. Same as above
26. Magri E.: "Cenni . . . " p. 41.
27. Sciciuna Carm. Mons. — Veritas Press Zabbar 1967.
28. Caruana Carm. Can.: "In-Nadur" 1953 p. 45.

www.gozocathedral.org.mt

IL-BALLATA TAL-'CONVOY' TA' SANTA MARIJA

B'INIZJATTIVA TAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL T'GĦAWDEX F'DIN IS-SENA QABEL IL-FESTA TA' SANTA MARIJA, PADRUNA SPEĊJALI TAD-DJOĊESI GĦAWDXIJA, SA TINŻAMM FIL-PJAZZA TAL-KNISJA MSEMMIJA "IL-BALLATA TAL-CONVOY TA' SANTA MARIJA".

L-AWTUR TAL-BALLATA

L-awtur ta' din il-ballata huwa s-Sur Anton Farrugia, surmast fil-Liċeo t'Għawdex. F'din l-iskola, is-Sur Farrugia huwa nkarigat minn xogħol iebes u ta' responsabilità għaliex huwa jrid jiddirieġi u jmexxi liż-żgħażagħ tal-Liċeo fit-triq li jridu jaqbdu biex fil-ġejjieni jkollhom suċċess fil-ħajja. Fil-kamp ta' l-appostolat taż-żgħażagħ is-Sur Farrugia llum kiseb esperjenza l-aktar kbira.

Is-Sur Farrugia huwa miżżewweġ u għandu ħamest itfal. Huwa wieħed mill-membri l-aktar attivi tal-kommunità parrokkjali tal-Katidral. F'kull inizjattiva pastorali li tinżamm fil-Katidral t'Għawdex — u dawn qegħdin ikunu ta' spiss f'din il-parroċċa — is-Sur Farrugia dejjem issibu minn ta' quddiem nett biex jagħti l-għajnuna tiegħu, mhux biss morali iżda wkoll fiżika. Membri parokkjali ta' dan il-kalibru u li huma bosta fil-Katidral t'Għawdex jiswew mitqla deheb għall-progress tal-ħajja pastorali f'parroċċa ta' din l-era post-konċiljari.

L-awtur qatt f'ħajtu ma daħal għal xogħol letterarju ta' dan il-livell. Madankollu din il-ballata, taħt kwalunkwe aspett, tħabbatha ma' l-iprem ballati li qatt ħarġu mill-pinen mgħobbija b'bosta snin ta' esperjenza fil-kitba poetika. Il-leħma li ħakmet lill-kittieb ta' din il-ballata kienet tabilħaqq taħraq daqs ix-xrar taż-żnied meta dan thokku ma' l-azzar. U żgur li kull min jaqra u jifli sewwa din il-ballata ma jasalx biex jemmen malajr li l-awtur qatt qabel ma żejjen il-ġnejna letterarja maltija bi vrus poetiċi.

Il-poeta kellu tabilfors jimraħ fil-witat wiesgħa ta' l-istorja ta' żmienna ta' Malta. Din il-ballata hija frott ta' bosta sigħat ta' tiftix fil-kotba ta' l-istorja kontemporanja ta' Malta. M'hemmx dubju li s-Sur Farrugia kellu jishar ukoll is-sigħat twal tal-lejl biex wasal jikteb din il-ballata.

IL-KONTENUT TAL-BALLATA

Din il-ballata fiha erba' taqsimiet: fl-ewwel taqsima nisimgħu dwar il-ħruxija ta' l-attakki mill-ajru li l-Ġermaniżi għamlu fuq il-Gżira tagħna. F'din it-taqsima niltaqgħu wkoll mal-qlubija tal-Maltin taħt il-qilla ta' l-attakki u kif dawn l-istess Maltin tqabdu spalla ma' spalla ma' l-Ingliżi fid-difiża ta' Malta.

Fit-tieni taqsima l-poeta jagħtina kwadri ċari u ħajjin tal-għaks, il-ġuħ u l-mard li sofrew il-Maltin fit-tliet snin ta' attakki bla ma jaqtgħu mill-ajru.

Fit-tielet taqsima l-awtur b'pinzellati mlewna jurina kif il-Madonna semgħet it-talb ħerqan tal-Maltin u għenet biex jintemm l-Assedju ta' Malta permezz tal-famuż "Convoy" li jibqa' għal dejjem jissemma fl-Istorja ta' Malta bħala "L-Convoy ta' Santa Marija".

Il-poeta jagħlaq il-ballata tiegħu f'talba mħeġġa ħierġa mill-qalb ġeneruża ta' Malta li trid trodd ħajr lil Alla u lill-Madonna talli ħelset mit-telfa.

EFFETTI TEKNIĊI

Għal din il-ballata ser jsir użu minn apparat l-aktar modern ta' dwal u ħoss. Bill-ġentilezza ta' l-Onor. Ministru ta' l-Edukazjoni u Kultura, is-Sinjnorina Agatha Barbara li dejjem ħadet interess speċjali fl-attivitajiet kulturali li jiġu organzziati f'Malta u f'Għawdex, it-tagħmir tad-dwal tat-Teatru 'Manoel' ser jiġi wżat għas-suċċess ta' din l-inizjattiva kulturali. Għaldaqstant minn dawn il-kolonni nnroddulha ħajr ta' l-għajnuna mprezzabli offritilna u li mingħajrha l-ballata kienet tkun nieqsa minn element meħtieġ għas-suċċess tagħha ta' mija fil-mija. Id-dawl u l-ħoss li bihom sa tiġi mħawra din il-ballata minn tekniċi esperti sa jkunu jixbħu lill-programm "Suoni e Luci" li jsir f'Ruma fil-ġranet tas-sajf għat-turisti. Min kellu okkażjoni jara d-dwal u fuq kollox jisma' dan il-programm jista' jkollu ideja ta' kemm huma meħtieġa l-effetti ta' dawn il-mezzi. Fil-fatt huma sa joffrulna leħħ ta' beraq ta' bombi, dija ta' searchlights, ħruq ta' postijiet, twerdin ta' ajruplani, tinwiħ ta' sireni, agħjat ta' nies, tfaqqigħ ta' balal, sparar ta' anti-aircraft guns, biki ta' tfal, twerżiq ta' nisa, ġiri ta' nies, ħoss ta tigrif ta' bini u elf ħaġa oħra. F'din il-ballata huma t-tekniċi tad-dawl u tal-ħsejjes li għandhom l-aqwa biċċa xogħol u li jridu jġerrmu taħt snienhom l-għadma l-aktar iebsa. Huma dawn il-mezzi tekniċi li jridu jagħtu l-ħajja lil din il-ballata u għalhekk għalina huma meħtieġa daqs kemm hu meħtieġ in-nifs għall-pulmun. Huma jridu jkunu bilfors ir-ruħ tal-ballata. Minnhom trid hija tikseb il-vitalita' tagħha. Aħna konvinti li dawn il-mezzi taħt id-direzzjoni tas-Sur Carmelo Grech Attard u tas-Sur Carmelo Grech Busuttil jagħtuna l-aħjar effetti.

EPISODJI XENEĠJATI

Din il-ballata sa tkun ukoll mżewqa b'episodji xeneġjati. Dawn l-episodji sa jkunu xeneġjati b'mod modern, billi jintwerew silhouttes proġettati minn wara ljżar. Tmienja sa jkunu l-episodji xeneġjati, li huma: (1) nies mexjin fi queue bil-bramel, bombi, etc; (2) mara trewwaħ lill-kenur bil-borma fuqu; (3) mara bil-qiegħda traqqa l-ħwejjeġ; (4) raġel jimla l-pipa, iqabbad... ipejjep; (5) mara titħan l-qamħ bil-mitħna tal-kafe'; tagħġen, trambal bir-rażola u tagħmel fettul; (6) tnejn min-nies iġorru marid fuq 'stretcher'; (7) mara, raġel u xi tfal, b'ħafna sarar u kaxxi, iġorru karettun ta' l-idejn... sejrin refuġjati; (8) raġel liebes ta' kok jaqleb bil-kuċċarun ġo platti tan-nies li jieħdu l-minestra bil-'queue' wara li jkunu taw il-kupun.

Il-kostumi għal dawn l-episodji xeneġjati huma fdati f'idejn Mrs. M. Busuttil u Miss A. Sciberras li t-tnejn huma kompetenti fil-materja.

Dawn l-episodji xeneġjati jagħtu lill-udjenza għajnuna viżwali mhux żhira biex tifhem dak kollu li għadda minnu fil-gwerra l-Poplu Malti u Għawdxi.

IL-MUŻIKA U L-KANT FIL-BALLATA

Il-mużika għal din il-ballata ġiet miktuba mill-Mro. Alfred Arnold. Il-mużika hija kollha kemm hi oriġinali u mill-pinna ta' dan is-surmast in-noti joħorġu ħelwin, qawwija u tabilħaqq adattati għall-okkażjoni.

Din il-ballata sa jkun fiha żewġ solisti u kwartett polifoniku. Sa jkunu imseħbin minn żewġ kitarri biss. Kemm is-solisti kif ukoll il-kwartett għandhom bosta strofi li jridu jitkantaw matul il-ballata sabiex din tkun aktar attraenti u tiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd.

Il-kor "Maria Assunta" tal-Katidral sa jieħu sehem ukoll f'din il-ballata, taħt id-direzjoni tas-Sinjorina Maria Zammit L.R.S.M., li m'għandhiex bżonn ta' l-ebda introduzjoni fil-kamp mużikali għaliex kulħadd jammira l-perfezjoni ta' kant li taf tgħallem din is-Sinjorina. Ma kinux wieħed u tnejn l-esperti fil-kant u fil-mużika li meta kellhom okkażjoni jisimgħu l-kor tal-Katidral lkoll kellhom kelma ta' tifħir għas-Sinjorina Zammit għal qatt ma basru li hija tasal biex bl-akbar eżattezza tesegwixxi fedelment mill-kor fdat taħt it-tmexxija tagħha repertorju mhux ħażin ta' kanti mużikali. Biżżejjed nsemmi l-fatt tal-funeral ta' l-Isqof Pace meta kull min kien preżenti u anki dawk li ma jikkuntentawx ruħhom b'kollox u malajr ma xtaqux li l-funzjoni tispiċċa minħabba l-ħlewwa ta' kant li kien qed jiġi esegwit. U aħna konvinti li għall-okkażjoni tal-Ballata tal-Convoy ta' Santa Marija, l-Kor 'Maria Assunta' tal-Katidral, taħt it-tmexxija tas-Sinjorina M. Zammit, joffrilna kant ħelu, melodjuż u li jdoqq armonjuż fil-widnejn ta' dawk kollha li jkunu jisimgħu sabiex joħloq minn din il-Ballata sinfonija verdinjana li tfarraġ il-qalb u tnessi lill-udjenza l-hemm u l-għawġ tal-ħajja u iġagħalha dduq mill-benna tal-ġenna għal ftit tal-ħin.

IL-KEREOGRAFIJA

F'din il-Ballata sa jkun mdaħħal ukoll l-element tal-kereografija li sa jkun afdat taħt id-derezjoni tas-Sinjura Marija Bondi li f'Għawdex hija magħrufa biżżejjed fl-arti taż-żfin. Għalkemm mara ta' familja hija tiddedika xi ftit mill-ħin liberu tagħha tgħallem lil dawk kollha li sa jieħdu sehem f'din il-ballata permezz taż-żfin. M'humiex spiss il-mumenti taż-żfin f'din il-ballata, iżda bla dubju ta' xejn dawn il-waqtiet għalkemm qosra sa joħolqu atmosfera ferrieħa biex isserraħ l-udjenza mit-tensjoni li toħloq fiha din il-ballata minħabba l-fatt li tfakkrek fil-ġranet iebsa tal-gwerra u fil-Kalvarju mwiegħer tat-tbatija li minnu għaddejna minħabba l-ġuħ u l-għaks li ħakimna matul din il-gwerra dinjija. L-"Aurora Stage Dancers" li ċertament dejjem għamlu figura tajba f'din l-arti kull meta ppreżentaw rwieħhom taħt it-tmexxija tas-Sinjura M. Bondi, għal din l-okkażjoni żgur mhux sejrin jiddiżżapuntaw lil ħadd u jibagħtu lil kull min ikun jarahom lura lejn idar b'togħma ħażina.

ORGANIZZAZZJONI KBIRA

Minn dan kollu li għidna wieħed malajr jasal għall-konklużjoni l. din il-ballata kienet teħtieġ organizzazjoni l-aktar kbira. Fil-fatt minn xhur qabel problemi kollha li setgħu jfixlaqgħat fuq laqgħat. Ġew diskussi, studjati u mistħarrġa l-klu b'xi mod jew ieħor is-suċxklu b'xi mod jew ieħor is-suċċess ta' din il-ballata. Il-provi tal-kant, tad-daqq tal-kitarri, ta' l-episodji xeneġjati kif ukoll ir-'rehearsals' taż-żfin kienu ilhom żmien sejrin b'ritmu mhux kommuni. Dan jirrifletti tajjeb fuq il-producer ta' din il-ballata s-Sur Michael Grech li żgur kellu għadma iebsa fix-xogħol li daħal għalih. Imma s-Sur Grech medd għonqu għal din l-attivita' b'ruħu u b'ġismu u ħa bl-akbar serjetà, kif tabilħaqq jixraq, il-produzjoni ta' din il-ballata. U dan ma setax ikun xorta oħra għaliex huwa konvint li fuqu taqa' l-akbar responsabilita' tas-suċċess ta' din il-ballata. Huwa veru li kull min sa jieħu sehem f'dan ix-xogħol letterarju għandu biċċa mir-responsabilita x'jerfa' biex il-ballata tirnexxi mija fil-mija, imma l-producer jrid jitgħabba bir-responsabilità ta' kulħadd għax huwa l-fus u subalterni tiegħu m'humiex ħlief ir-roti li jridu jduru miegħu biex il-karru li fuqu jrid jinġarr is-suċċess ta' din il-ballata ma jeħilx fit-tajn tat-traskuraġni u tan-nuqqas ta' provi.

MONS. CARMELO SCICLUNA U MONS. GIOV. B. GAUCI

Fl-aħħarnett ma nistgħux ma ngħidux kelma ta' tifħir lil Mons. Carmelo Sciclunan u lil Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Kurat u Prokuratur rispettinament tal-Katidral li bi-inizjattiva tagħhom sa tinżamm din "Il-Ballata tal-'Convoy' ta' Santa Maria". Huma offrew il-faċilitajiet kollha possibli biex iwittu l-ħotob li tabilfors jinħolqu meta tiġi organizzata biċċa xogħol ta' livel hekk għoli. Fl-istess ħin inizjattiva ta' din ix-xorta jnessu u jallenaw lill-poplu biex ma joqgħodx jehda fuq ħwejjeġ li jkomplu jixħtu l-ħatab fuq il-ħuġġieġa tal-parrokjaliżmu u l-kampaniliżmu li fi gżiritna ma ħallewx ħlief ġrieħi idemmgħu u jnixxu l-marċa ta' problemi li kkaġunaw kankri spiritwali li ħadd ma jista' jsib għalihom idduwa tal-fejqan. Jalla jkun hawn min jorganizza inizjattiva ta' din ix-xorta l-għaliex attivitajiet bħal dawn jgħinu lill-membri tal-Komunità parrokjali biex jiżviluppaw it-talenti tagħhom, jissodaw il-personalità u l-individwalità tagħhom u fl-istess ħin inisslu fihom xejra soċjali u kulturali.

ŻURU L-KNISJA
KATIDRALI
F'JUM IL-FESTA

MAY'S
THE LADIES' SHOP
FOR FASHION AND ELEGANCE
54, RACECOURSE STREET, VICTORIA

HEMPEL'S
PAINTS
ARE
BEST
HEMPALIN
(ENAMEL U UNDERCOATING)
HEMPATONE
(ŻEBGHA TAL-PLASTIC)



Fl-okkażjoni tan-Novena Biblika fil-Katidral t'Għawdex il-Purċissjoni fis-17 ta' Diċembru 1971 nżamm il-pageant bibliku: "Kristu — iċ-ċentru ta' l-Istorja tas-Salvazzjoni" — kitba tas-Sależjan Ġorġ Mercieca. Dan il-pageant kien jgħodd ħafna għall-ġranet tal-Milied billi din il-festa tfakkarna fit-twelid ta' Ġesù Kristu.

Ir-ritratt ta' fuq juri xena mill-parti moderna tal-Pageant: żewġ bnedmin mondani jiltaqgħu mal-Knisja li turihom kif jistgħu jagħmlu kuntatt ma' Kristu, il-Feddej tagħhom.

Din is-sena għal 5 darba ħarġet mill-Katidral t'Għawdex il-Purċissjoni tal-Passjoni fil-Ħames Ħadd tar-Randan. Din il-purċissjoni hija wirja spettakulari li tfakkrek fit-tbattijiet li ġarrab Ġesù matul il-Passjoni tiegħu. F'din il-purċissjoni jieħdu sehem mhux anqas minn 350 ruħ.

Għal din il-purċissjoni f'din is-sena żżanżnu:
a) kostumi għall-appostli Pietru, Ġakbu, Ġovanni u Andrea; (b) Uniformi ġdida tax-xitwa għall-membri tal-Kor 'Maria Assunta'; (ċ) sandlijiet tas-suldati Rumani.



Ġimgħa Ewkaristika Liturġika




Bejn is-7 u l-14 ta' Mejju 1972 fil-Katidral t'Għawdex nżammet Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika li fiha ħadu sehem it-tfal, iż-żgħażagħ, ir-reliġjużi, il-morda u kull sezzjoni tal-kommunità parrokjali. L-iskop ta' din il-ġimgħa huwa li l-Poplu t'Alla jitgħalliem jinteressa ruħu fil-Liturġija li għandha tkun il-ħajja r-ruħ ta' kull parroċċa għall-progress veru fil-kamp pastorali.

Ir-ritratt ta' hawn fuq juri lil-Isqof N. Cauchi qed jirċievi l-offerti waqt il-funzjoni tal-morda mill-istess morda.



Waħda mill-funzjonijiet ta' matul il-Ġimgħa Ekaristiko-Liturġika kienet iddedikata liż-żgħażagħ. Ir-ritratt ta' hawn fuq juri l-grupp tal-kitarristi żgħażagħ ta' l-Oratorju 'Don Bosco' flimkien ma x'uħud miż-żgħażagħ li kantaw fil-'Folk Mass'. Fir-ritratt jidher ukoll iċ-ċelebrant ta' din il-quddiesa Dun Manwel Curmi flimkien ma' Mons. Carmelo Scicluna li għamel il-parti ta' djaknu.



Il-'Pueri Cantores' tal-Katidral t'Għawdex minn meta ġew mwaqqfin ħadu sehem f'ħafna attivitajiet liturġiċi u pastorali li jsiru fil-Knisja msemmija. Il-kant ħelu u ntonat tagħhom jogħġob lil kull min jismagħhom u fuq kollox jgħin mhux ftit biex dak li jkun jingabar aktar fit-talb. Dan huwa kollu dovut għad-diretturi tagħhom is-Sinjorina M. Zammit L.R.S.M. li b'sabar mhux komuni tgħallimhom ikantaw u mhux jgħajtu. Aħna minn dawn il-kolonni nawgurawlhom suċċessi akbar.

www.gozocathedral.org.mt

IL-ĠURNALI LOKALI KOLLHA JITKELLMU B'TIFHIR MILL-HIDMA PASTORALI TAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL T'GHAWDEX

BHALMA N-NAHLA BLA WAQFIEN TINSAB FIX-XEHDA TAGHHA TAHDEM SABIEX TIPPRODUĊI L-GHASEL, HEKK UKOLL IL-KUNSILL PARROKKJALI TAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL KONTINWAMENT JINSAB MEHDI F'ATTIVITAJIET PASTORALI MF'ASSLIN FUQ LINJI POST-KONĊILJARI HALLI L-HIDMA TIEGHU TILHAQ IL-MEMBRI KOLLHA TAL-KOMMUNITA' PARROKJALI. HUWA FATT LI MA JISTA' JIĠIDHU HADD, BHALMA JIXHU S-SILTIET MINN KWAŻI L-ĠURNALI LOKALI KOLLHA LI JIDHRU FIR-RITRATT TA' HAWN TAHT, LI S-SIĠRA TAL-HIDMA PASTORALI FIL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL T'GHAWDEX HIJA MSOQQIJA BL-ILMA FEJJIEDI TAT-TAGĦLIM KONĊILJARI.

IL-KONFERENZI RELIĠJUZI FUQ SUĠĠETTI TA' ATTWALITA', IL-ĠIMGĦAT BIBLIĊI U LITURĠIĊI, IL-PAĠEANTS RELIĠJUZI MIBNIJA FUQ LINJI MODERNI, IL-QUIZES EVANĠELIĊI, IL-FILMSTRIPS DIDATTIĊI FUQ IR-RIFORMI TAR-RITI TAS-SAGRAMENTI, IL-KANT BIL-MALTI BIL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-FIDILI FIL-QUDDIES U L-GĦOSRIEN FLIMKIEN MAT-TWAQQIF TA' ŻEWĠ KORIJIET PARROKJALI, KIF UKOLL IR-REĠISTAR TAL-LITURĠIJA TAS-SIGĦAT F'ĊERTI OKKAŻJONIJIET OĦRA TA' DIN IX-XEHTA KIF JITOLBU IŻ-ŻMENIJIET LI FIHOM JEQGĦDIN NGĦIXU, HUMA LKOLL FROTT TA' BOSTA SFORZI KOLLETTIVI LI JIXHDU L-HIDMA ORGANIKA TAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL.

Is-siltiet mehudin mill-ġurnali lokali fis-sena li għaddiet u li jidhru fir-ritratt ta' hawn taht juru biċ-ċar li l-parroċċa tal-Katidral hija:

1) *"Ċentru ta' Ħajja Liturġika"* (Sacrosanctum Concilium, N. 42);
2) *"Ċentru u Skola ta' Apostolat"* (Apostolicam Actuositatem, N. 8);
3) *"Ċentru għall-Ġid ta' l-Erwieħ"* (Christus Dominus, N. 37).



DAPTA 12
GĦAT-TFAL U TRABI
QTAR TAL-VITAMINI
TAJJEB ANKI FIS-SAJF
MINN GĦAND KULL SPIŻJAR

ŻURU
L-KNISJA
KATIDRALI
F'JUM
IL-FESTA

DORIS
JEWELLERY
1, ST. ANDREW STR.,
AND
79, VAJRINGA STR.,
VICTORIA
ALL KINDS OF FANCY JEWELLERY IN SILVER, SILVERWARE, GOLD AND DIAMOND, WATCHES, CHALICES AND OTHER ARTICLES FOR RELIGIOUS SERVICE.

www.gozocathedral.org

RENDIKONT — 1 TA' AWISSU 1971 — 31 TA' LULJU 1972

DATA	PARTIKULARITAJIET	HRUĠ £M	c	m	DHUL £M	c	m
8 - 8 - 71	Ġabra fil-ħruġ ta' l-istatwa ta' S. Marija				212	34	2
14 - 8 - 71	dhul għal 'hampers'				10	00	0
15 - 8 - 71	Żewġ purċijiet maltin għall-festa ta' S. Marija	36	00	0			
15 - 8 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem s. Marija				76	31	3
18 - 8 - 71	Muzika tat-Tridu ta' S. Marija	26	00	0			
18 - 8 - 71	Xirit a' siġġijiet	200	00	0			
18 - 8 - 71	Ġabra mit-triqat għall-festa ta' S. Marija				161	14	6
19 - 8 - 71	Dawl elettriku fil-faċċata tal-knisja	35	00	0			
19 - 8 - 71	Bejgħ mill-bizzilla				16	15	0
19 - 8 - 71	Refreshment nhar S. Marija	20	00	0			
19 - 8 - 71	Bejgħ ta' Santi u domni nhar S. Marija				36	50	0
22 - 8 - 71	Servizz ta' qrar, quddies, kappi eċċ. nhar il-festa	20	00	0			
31 - 8 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				26	95	0
8 - 9 - 71	Spejjes għax-xiri tal-kamiċeri	29	50	0	26	95	0
15 - 9 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				16	94	6
27 - 9 - 71	Ħlas tal-meter	—	—	—	—	—	—
30 - 9 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				15	40	8
1 - 10 - 71	L-ewwel ħlas għal tliet pavaljuni tad-dawl	100	00	0			
15 - 10 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				13	30	0
31 - 10 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				19	05	0
9 - 11 - 71	Stampa u blocks tal-Għid ta' l-Assunta	46	00	0			
15 - 11 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				10	78	7
16 - 11 - 71	Għas-santi kuluriti tal-Kalendarju u santi oħra	220	00	0			
30 - 11 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				9	52	5
10 - 12 - 71	Żewġ spotlights	54	00	0			
15 - 12 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				11	60	0
28 - 12 - 71	Spejjes tan-Novena Biblika	30	00	0			
31 - 12 - 71	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				17	10	0
7 - 1 - 72	Mill-istrina tal-Madonna				100	42	0
8 - 1 - 72	Ikla lill-membri tal-kor	20	50	0			
10 - 1 - 72	Stampa ta' kalendarji u Xmas Cards	128	00	0			
15 - 1 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				21	93	7
31 - 1 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				11	27	0
6 - 2 - 72	Drapp għall-uniformijiet tal-Kor	87	20	4			
15 - 2 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				14	50	0
29 - 2 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				24	19	2
14 - 3 - 72	Offerti għall-uniformijiet tal-membri tal-kor				60	00	0
15 - 3 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				11	40	0
17 - 3 - 72	Ġabra għall-purċissjoni tal-Passjoni				107	45	0
20 - 3 - 72	Ħlas ta' elmu, 15-il par sandli u kostumi oħra	117	32	5			
20 - 3 - 72	Spejjes tal-priedki ta' l-Eżerċizzi	22	50	0			
31 - 3 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				17	01	7
6 - 4 - 72	Figolli u rigali oħra lit-tfal tal-Kor	10	00	0			
8 - 4 - 72	Karti ta' muzika għall-korijiet	1	32	5			
15 - 4 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				9	89	2
30 - 4 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				22	06	7
7 - 5 - 72	Stampa ta' programmi tal-Ġimgħa Liturġika	4	50	0			
15 - 5 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				20	97	5
20 - 5 - 72	Spejjes tal-Ġimgħa Liturġika	25	00	0			
20 - 5 - 72	Ikla lill-membri tal-kor	20	00	0			
31 - 5 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				20	97	5
15 - 6 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				26	97	5
22 - 6 - 72	Għall-premjazzjoni tal-Għar Djoċesana	3	00	0			
30 - 6 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				11	56	7
7 - 7 - 72	Għall-Obolu ta' S. Pietru	5	00	0			
15 - 7 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				23	09	6
31 - 7 - 72	Mill-ġbir tas-sala, wara li tnaqqsu l-pedaġġi tal-quddies u spejjeż oħra				145	50	0
31 - 7 - 72	Mill-kaxxa ta' ħdejn il-bieb ta' barra				10	90	0
31 - 7 - 72	Mill-kaxxa ta' S. Ġużepp (matul is-sena)				52	25	0
31 - 7 - 72	Offerti ta' flus lil S. Ġużepp (matul is-sena)				9	45	0
31 - 7 - 72	Offerti ta' flus lil S. Marija (matul is-sena)				132	00	0
31 - 7 - 72	Offerti għall-elettronic scanner				143	45	0
31 - 7 - 72	Servizzi magħmula mill-Kor (minn Jannar)				46	50	0
31 - 7 - 72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija				20	00	0
31 - 7 - 72	Diversi spejjes oħra matul is-sena.	60	00	0			
31 - 7 - 72	Bilanċ tas-sena 1972-73	901	64	6			
	TOTAL:	1926	90	0	1926	90	0

GĦELUQ IL-75 SENA TAL-ISTATWA TAL-ASSUNTA

(ikompli minn paġna 1)

U għal din ir-raġuni l-kumitat tal-banda 'Leone', bla telf ta' żmien, ħaseb sabiex ġab statwa tal-Assunta li waslet Għawdex fl-Lulju tal-istess sena, sabiex fil-festa tal-Assunzjoni, 1-15 ta' Awissu, tiġi poġġuta fuq pedistall fit-Tokk.

Illum, 75 sena wara din l-istatwa ħelwa, grazzjuża u famuża tinsab meqjuma għad-devozzjoni tal-fidili fl-ewwel tempju tal-għira Għawdxija, ddedikat lill-Assunta — l-Kattidral.

INNLIJET

Il-banda 'Leone' mhux biss ħasbet sabiex ġabet l-Istatwa tal-Assunta minn Ruma, imma permezz ta' kompozzizjoni mukoll ħasbet sabiex tkun hi permezz ta' organizzazzjoni mużikali, li tonora l-Madonna permezz ta' Innu aġ unur l-Assunzjoni. Dan l-Innu li jismu "A Maria Assuntna" ġie mżandan qabel l-1900 u ġie mmużikat mill-mejjet ex-surmast tal-banda ta' dak iż-żmien, Mro. Vinċenzo Carabott.

Fost affarijiet oħra nsibu żandin ta' bosta Innijiet aġ unur l-Assunta. Fostom il-famuz Innu, "A Maria Assunta" mmużikat mill-ex-surmast tal-banda, ilmejjet Mro. Orlando Crescimanno. Il-versi ta' dan l-Innu huma tal-Markiż Ramiro Barkaro di San Giorgio. Dan l-Innu li żżandan fl-1913 — sena wara li żżandan l-ewwel Innu tal-Banda — barra li għadu jindaqq sallum, għandu l-mużika u l-versi tiegħu tant sbieħ u ħelwin li donnhom iridu jimpikaw bejniethom min minnhom ser jagħti l-aktar tifħir lill-Madonna. Imbagħad, fl-1924 fil-Kattidral ġiet esegwita għall-ewwel darba l-Antifona tal-Madonna, li ħi kompożizzjoni ta' Mro. E. Bartoli.

Wara l-1900, il-banda 'Leone' bdiet iżżandan bosta u bosta affarijiet sabiex taghti xejra ġdida u atmosfera ferrieħa lil dawk li jmorru għall-festa tal-Assunta. Dan sar permezz ta' żandin ta' trofei, statwi, bnadar, bandalori, pavaljuni tad-dawl, mixħela ġenerali, tiżjin fit-toroq, wiri differenti ta' loghob tannar, aktar baned, u aktar armar għat-toroq prinċipali tal-belt Vittorja. Infatti, llum, jekk tmur tara l-festa tagħha f'Għawdex, tibqa' mhux biss impressjonat imma wkoll tiġi msaħħar wara dak li tkun rajt u ma tfallix sena li ma terġax tmur tara l-festa tagħha.

FESTI

Minn żmien għal żmien l-Għaqda Muzikali 'Leone' bdiet torganizza mhux biss pellegrinaġġi imma wkoll tiċċelebra festi speċjali f'ġieh l-Assunta. Hekk għamlet fl-1947, għeluq l-50 anniversarju minn mindu l-banda ġabet l-Istatwa, u għeluq il-50 sena minn meta l-Isqof reha f'idejn is-soċjeta 'Leone' il-festi esterni li jiġu ċċelebrati f'nofs Awissu; u fl-okkazzjoni tal-Koronazzjoni tal-Madonnna "Ta Pinu" li grat fl-20 ta' Ġunju, 1935.

Hafna huma dawk li għadhom jiftakru l-festi speċjali li organizzat il-banda 'Leone' f'Novembru, 1950; is-sena meta l-qatt minsi Papa Piju XII — il-folja mmensa fi Pjazza Sabina, l-bhala Domma tal-Fidi t-Tlugh fis-sema tal-Madonna, bir-Ruh u bil-Ġisem. Hafna, wkoll, għadhom jiftakru meta kemm fl-1950 kif ukoll fl-1954 l-istatwa tal-Assunta ġiet sponnuta għall-pubbliku fil-Banca Giuratale. Bosta wkoll jiftakru meta l-istatwa ġiet imdawra "aux blambeaux" mat-toroq rinċipali tal-belt Vittorja. Le, mhux ta' b'xejn il-banda 'Leone' tfakkar ta' kull sena l-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assuntina?

ERA ĠDIDA

Sal-1956, il-purċissjoni tal-Assunta kienet tohroġ filgħodu mil-knisja Kattidrali; imma fid-29 ta' April 1956, saret għallewwel darba l-purċissjoni tal-Assunta bil-Banda. Dak in-nhar il-banda 'Leone' irregalat b'xejn l-istatwa famuża tal-Assunta lill-Knisja Kattidrali; meta fost folla immensa fi Pjazza famuża Isqof t'Għawdex, Mons Ġużeppi Pace, bierek din l-Istatwa, minflejn imbagħad, telqet b'purċissjoni sollenni għall-Kattidral akkompanjata bid-daqq ta' marċi reliġjużi mill-banda 'Leone'. Dan l-avveniment storiku fl-istorja ta' ġiritna hu mfakkar permezz ta' rhama ġol-knisja Kattidrali. Minn dak in-nhar 'l hawn il-purċissjoni tal-Assunta dejjem harget filgħaxija akkompanjata bid-daqq tal-banda 'Leone'.

Mat-tlugh tal-Istatwa tal-Assunta fil-Kattidral, il - poplu Għawdxi donnu ġie msaħħar, għax fejn qabel il-Kattidral ma kontx tara ruħ, u, blex inghid hekk, kien jonqos biss li jagħlaq, illum tara mijiet u anke eluf ta' parrukieni u pellegrini jmorru mhux biss biex jisimgħu lkelma t'Alla u jitolbu l-grazzi jew jirringrazzjaw lill-Madonna, imma wkoll sabiex jammiraw u jitgħaxxqu bil-ġmiel u s-sbuhija ta' teżori artistiċi li jinsabu f'dan it-tempju.

Intant, u dan wieħed jista' jarah b'għajnejh, li minn meta ġiet irregalata l-Istatwa tal-Assunta lill-Kattidral, l-opri ta' ġewwa l-knisja ma naqsux, u dan jurina mhux biss id-devozzjoni li għandu l-poplu lejn l-Assunta, imma wkoll li l-parrukieni tal-Kattidral irridu lill-Assunta tiġi onorata bhala Sultana u Ommna l-bnedmin, fuq l-wiċċ ta' din l-art, bl-aktar oġġetti sbieħ u prezzjużi li tista' takkwista fid-dinja.

Din il-ħaga tidher ċara mhux biss mill-fluss, fidel ħeneb, djamanti, u ġawhar li jiġu mogħtija lill-Assunta, imma wkoll narawh minn dawk l-opri li jżejnu d-dar tagħha, bħalma huma l-pedistall tal-fidda, l-bankun u l-bradella, il-pavaljun li tahtu titpoġġa jil-festa, u ssett ta' linef tal-Kristall, balkorsija li permezz tagħhom tkompliet liżżejjen is-sbuhija tal-Korsija. Ghalkemm dawn huma ħwejjeġ materjali, il-parrukieni naslu wkoll sabiex spiritwalment jistgħu 'l fuq ittempju tal-Assunta permezz ta' fundazzjonijiet perpetwi mhux biss ta' quddies u priedki, imma wkoll, billi jieħdu sehem attiv fiċ-ċerimonji Liturġiċi li jsiru fil-Kattidral.

Din is-sena jahbat għeluq il-75 sena minn mindu l-Għaqda Muzikali 'Leone' ġabet l-Istatwa tal-Assunta, u minn mindu l-Isqof Camilleri fada f'idejn is-Soċjeta 'Leone' l-festi esterni ta' Santa Marija. U, għalhekk nixtieq nistaqsi: Minn qatt, fl-1897 kien jaħdilek li l-istatwa tal-Assunta għaq tiġi meqjuma fil-Kattidral? Imma l-holma ta' missirijietna saret realta fl-1956.

Illum l-parrukkani tal-Kattidral jgħidulek: Meta ser jiġi nkurunat l-inkwadru tiżular tal-Kattidral? Kemm tkun ħaga flokha kieku dan it-titular jiġi nkurunat fl-1974 għeluq l-410 sena minn meta l-Knisja Matriċi saret Kattidral; jew inkella fl-1976 għeluq l-20 sena minn meta l-Istatwa tal-Assuntna ġiet irregalata lill-Kattidral u għeluq l-185 sena minn mindu tqiegħed f'postu t-titular tal-Assunta. Nitolbu lill-Assunta u naghmlu hilitna kollha sabiex naraw inkurunat dan it-titular fi żmien l-aktar qasir?

GRAJJIET TA' MITT SENA ILU

(ikompli minn paġna 1)

unanza Kapitulari tat-3 ta' Novembru 1672.

Din id-deputazjoni ltaqghet ma' l-Isqof Anton Grech Delicata u flimkien studjaw, idiskutew u naqblu dwar deċizjoni rigward il-kulur ta' l-abiti Prelatizji ghall-Kanonići tal-Kattidral. Din id-Deputazjoni wettqet bl-akbar fedelta l-inkarigu li kellha mill-Kapitlu tal-Kattidral li lilu tat relazjoni ta' dak kollu li ghamlet matul il-missjoni taghha. Ghalkemm il-kompitu ta' din id-Deputazjoni ma kienx wiehed mill-aktar ibsin, madanakollu hija hadet bi-ahkar serjeta x-xoghol taghha blex jigu evitati d-difficultajiet kollha possibli li setghu jinqalghu mal-mixja tas-snin. Barra minn hekk ghad-Djoċesi t'Ghawdex din kienet l-ewwel darba li ġie mogħti dan il-privileġġ ta' l-Abiti Prelatizji lill-Kanonići tal-Katidral. Qatt qabel ma dehru f'Ghawdex kanonići ta' din id-djoċesi lebsin l-Abiti Prelatiżji u ghalhekk din id-deputazjoni dahlet ghal xoghol li tieghu qatt qabel ma kellha esperjenza.

X'uhud minn dawn il-privileġġi illum spiċċaw bir-riforma liturġika li saret ghax l-Knisja fi żmienna, f'din l-era post Konċiljari, triġ tinża' minn trijonfalizmu jeżjeġ u ta' bla ebda valur ghat-tqaddis tal-Poplu t'Alla. Iżda jibqa' dejjem il-fatt li dawn il-privileġġi kienu jgawduhom il-kanonići tal-Knisja Kattidrali t'Ghawdex sa missena 1872 u ghalhekk tajieb u xieraq li jibqghu mniżżlin fl-annali taghha minn fejn qatt maġiu mhassrin.

www.gozoarchive.org

L-ISQOF GUZEPPI PACE U L-KATIDRAL

Kien sewwa sew mas-sebħ tal-31 ta' Marzu 1972, il-jum li fih din is-sena il-Knisja Mqaddsa permezz tal-Liturġija tagħha fakkret il-Mewt tal-Protagonista tad-Dramm Divin, Ġesù Kristu, meta l-Anġlu ħabbar tal-mewt firex ġwenħajh dellija fuq l-Isqof t'Għawdex u raddlu fuq ħaddejh il-bewsa kiesħa tal-mewt.



Mons. Arċisqof waqt il-quddiesa għar-ruħ l-Isqof Pace.

Hekk kif meta leħen ighajjat qalb il-blat ta' wied, dan il-leħen jibqa' jidwi wara li l-leħen ikun siket, jew hekk kif meta tixħet ġebla fil-baħar, jibdew jiġru ħafna dwawar ġo xulxin, jikbru u jitwessgħu, wkoll wara li l-ġebla tkun ilha li niżlet fil-qiegħ, hekk ukoll hemm ġrajjiet fl-Istorja ta' ċerti bnedmin li jibqgħu jinħassu, jidwu u jagħmlu dwawar ħafna wara li dawn il-bnedmin ikunu ntemmu f'qiegħ il-baħar. U dan nistgħu ngħiduh għall-ġrajjiet li twettqu fil-ħajja saċerdotali u episkopali ta' Mons. Ġużeppi Pace f'rabtiet intimi mal-Knisja Katidrali t'Għawdex. Is-sikka taż-żmien ma jista' jkun qatt li tħanxar u tħarbex ir-radda tattemma fuq ċerti ġrajjiet li huma minsuġin b'newl tad-deheb fl-istorja tal-Katidral t'Għawdex u fil-ħajja ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace. Jgħibu s-sekli sena wara sena, imma dawn il-ġrajjiet jibqgħu ħajja fil-qlub tal-bnedmin u jintirtu minn nisel għall-ieħor bħal torċa li middawl tagħha jibqgħu jixgħelu sakemm itulu s-snin.

KARIGI GHOLJA FIL-KAPITLU TAL-KATIDRAL

Hekk kif ix-xemx ħelwa tarrebbiegħa tersaq fuqna, iż-żrieragħ dak il-ħin stess, dik issiegħa stess jitħarrku ġo l-art u dlonk taqbeż in-nebbieta, hekk ukoll malli tiġi biex titkellem mill-Isqof Mons. G. Pace minnufih jaqbżu quddiem għajnejk ħolliema bosta ġrajjiet sbieħ minsuġin ma' l-istorja tal-Katidral t'Għawdex, ġrajjiet li l-ebda tul ta' żmien u l-ebda taqlib fil-ħajja ma jirnexxilhu qatt iħassruhom mill-memorja tal-bniedem. L-ewwel ħolqa f'din is-sensiela twila ta' ġrajjiet hija d-data qatt minsija meta, f'Mejju 1916, Dun Ċużepp Pace laħaq Monsinjur Lettur tal-Katidral. Kienu mank għaddew tliet snin minn meta ġedded għall-ewwel darba s-sagrifiċċju tal-Golgota, meta Dun Ġużepp Pace kiseb din il-kariga għolja fil-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex. Huwa attenda għall-ewwel Adunanza Kapitulari bħala Monsinjur tal-Katidral fil-21 ta' Settembru 1916, festa tal-Kom-Patruna t'Għawdex Sant' Ursula.

U kien is-7 ta' Ġunju 1925 meta Monsinjur Ċużeppi Pace sar Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral. F'din il-ġurnata huwa għamel il-professjoni tal-fidi quddiem il-Kapitlu li bħala xhieda ta' dan kellu ċ-ċerimonjier Dun Ġużepp Zahra u Dun Ġorġ Grech. Tabilħaqq li fid-dinja mhux l-anzjanita' tgħodd, imma l-effiċjenza, għaliex inkella meta titla' s-sellum tal-Ġerarkija tal-Knisja xi skalluna tista' tinqasam u tħalli l-ħsara li ma tantx ikun mbagħad faċli li ssewwiha.

U jibqa' Mons. Dekan Ġużeppi Pace tiela' s-sellum tal-Ġerarkija tal-Knisja bis-saħħa ta' l-effiċjenza u mhux bis-saħħa ta' l-anzjanita' u fl-10 ta' Awwissu 1928 jieħu l-pussess ta' Arċidjaknu fil-Kapitlu tal-istess Knisja Katidrali. Qabel dan il-pussess, fl-istess ġurnata, huwa għamel il-professjoni tal-fidi quddiem il Kapitlu u bħala xhieda kellu mill-ġdid iċ-ċerimonjier ta' l-Isqof Dun Ġużepp Zahra u lil Dun Salv Vella.

Dam sittax-il sena f'din il-kariga ta' Preminent u President tal-Kapitlu tal-Katidral li matulhom dejjem fittex li jagħdi dmirijietu bir-reqqa kollha lejn il-Knisja tal-Katidral.

ISQOF T'GHAWDEX

Kien il-ħdax ta' Novembru 1944 meta ġriet l-aħbar fil-gżira tat-tliet għoljiet li l-Arċidjaknu Monsinjur Pace kien laħaq Isqof tad-Djoċesi Għawdxija. Iddmugħ tal-ferħ xiref fl-għajnejn u ġelben fuq il-ħaddejn ta' l-għawdxin kollha, għaliex iben il-gżira għawdxija ġie maħtur Ragħaj Spiritwali ta' din id-djoċesi li kienet issa xjieħet bi tmenin sena, billi kienet ġiet imwaqqfa fl-1864. Dan kien it-tielet Isqof Għawdxi f'perijodu ta' tmenin sena.

U preċiżament fid-data fuq imsemmija, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi ħareġ ċirkulari li fiha, fost ħwejjeġ oħra, nsibu dawn il-kelmiet: "Għandna l-pjaċir ngħarfukom li l-Qdusija Tiegħu l-Papa għoġbu jagħtikom bħala Isqof tagħkom lill-Ill. mu. u Rev. mu Monsinjur Ġużeppi Pace Ph.D., D.D., J.C.D., Prelat Domestiku u Vigarju Ġenerali Tagħna fostkom. Fl-Isqof il-ġdid għandkom taraw dak li, l-Ispirtu Mqaddes baghtilkom biex imexxikom fit-triq tas-sema."

Il-"Leħen Is-Sewwa" tas-Sibt 18 ta' Novembru 1944, fost ħwejjeġ oħra, qalet: "Xena imponenti offra l-Kapitlu tal-Katidral li nhar il-Ħadd (12 ta' Novembru fil-għodu sfila in corpo' għal għand l-Isqof. Id-Dekan Mons. Cordina qara lill-Isqof indirizz u Mons. Isqof irringrazzja kommoss u wera kemm japprezza l-ferħ, ix-xewqat tas-Senat tal-Knisja ta' Għawdex u l-assikurazjonijiet tal-lealta' u kooperazjoni li rċieva minnu".

Minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet fil-post bejn Ruma u Malta, l-Ittri Apostoliċi li kienu jaħtru lil Mons. Pace bħala Isqof t'Għawdex damu ma waslu u għalhekk ippreżentahom lill-Kapitlu, kif preskritt mil-Liġi Kanonika, fl-4 ta' Frar 1945.

Fost ħwejjeġ oħra, dawn l-Ittri Apostoliċi jgħidu hekk: ". . . ad Cathedralem Ecclesiam vestram Gaudisiensem . . . dilectum Filium Joseph Pace . . . apostolica auctoritate elegimus ipsumque illi, Episcopum praefecimus et Pastorem."

IL-KONSAGRAZJONI TA' L-ISQOF PACE

Kienet l-ewwel darba fl-istorja tal-Katidral t'Għawdex li saret f'din il-knisja konsagrazjoni ta' Isqof, fis-17 ta' Diċembru 1944. Kien l-istess Kapitlu tal-Katidral li fisser ix-xewqa tiegħu li din il-funzjoni tiġi mwettqa bl-akbar solennità fil-Knisja Katidrali. Difatti l-imsemmi Kapitlu, f'ittra li bagħat lill-Isqof Pace fid-19 ta' Novembru 1944, qal: ". . . il-Rev. mo Capitolo ha deliberato . . . di esprimere . . . all'E.V. Rev.ma il suo vivo desiderio, perchè la consacrazione di V.E. . . . abbia luogo in questa Cattedrale, alla quale funzione il Capitolo intende dare la maggior solennita' e magnificenza."

U żernaq il-jum mistenni tas-sbatax ta' Diċembru 1944 u l-Għawdxin bi ħġarhom, sa minn kmieni, ngabru fil-Katidral tagħhom għal din il-funnzjoni. Hekk kif in-naħal qtajja jiġġerra għal fuq fomm il-ward sabiex minnu jarda u jsoff l-għasel bnin tiegħu, hekk ukoll Maltin u Għawdxin ta' kull klassi soċjali, għonja u fqar, kbar u żgħar, għorrief u mhumiex terrqu u ġġerrew f'din il-għodwa lejn il-Knisja Katidrali biex jerdgħu u jsoffu l-benna ta' din il-funzjoni li bħala qatt ma kienu raw qabel.

L-INGRESS TA' L-ISQOF PACE

L-ingress ta' l-Isqof Pace fil-Katidral t'Għawdex kiteb b'ittri tad-deheb paġna mill-isbaħ fl-istorja millenerja ta' din il-Knisja. F'din l-okkażjoni it-"Times of Malta' kitbet dawn il-kelmiet: "The great moment came finally when Mgr. Pace made his solemn entry into the Cathedral Church where later all the members of the clergy kissed his hand in his Solemm Pontificial Mass."

Fil-waqt 'Il-Berqa' għamlet dan il-kumment dwar l-istess ġrajja: "F'dawk il-jiem imkitbet paġna ġdida b'ittri tad-deheb fil-ġrajja t'Għawdex. Il-festi li saru fl-okkazjoni ta' l-ingress solenni ta' l-Eċċ.za Tiegħu Mons. G. Pace fil-Katidral tiegħu kienu festi li jibqgħu niftakrin għal snin kbar".

ID-DATA MEMORABLI TAD-29 TA' APRIL 1956

Id-data tad-29 ta' April 1956 hija minquxa fil-qlub tal-parruċċanni tal-Katidral bl-iskarpell u bil-martell ta' l-akbar imħabba għax din il-ġurnata l-Istatwa ta' l-Assunta, li sa dak in-nhar kienet proprietà tas-Soċjeta Filarmonika 'Leone', ġiet mogħtija mill-imsemmija soċjeta lill-Knisja Kattidrali bil-permess ta' l-Isqof G. Pace.

Minn dik id-data 'l hawn il-Katidral tbiddel bħal lejl għannhar għax din il-parroċċa reġgħet qamet mill-qabar tal-mewt tagħha għall-ħajja attiva fil-kamp pastorali. U għalhekk il-jum tad-29 ta' April 1956 bis-saħħa ta' Mons. Isqof G. Pace kien għall-Katidral t'Għawdex jum ta' tama, jum ta' rebħa, jum ta' tgawdrija, żerniq ta' żmien isbaħ, xemx ġdida ta', l-akbar trijonf li seta' qatt huwa jikteb

MEJJU 1965

Festi kbar saru fil-Katidral t'Għawdex biex ifakkru għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tad-djoċesi Għawdxija. Għal din l-okkażjoni kien ġie l-Kardinal Luiġi Traglia biex ha sehem f'dawn iċ-ċelebrazjonijiet ċentinarji.

Kulħadd għad fadallu rokna tal-memorja tiegħu li tfakkru f'dak il-Pontifikal imponenti li kien sar fil-Katidral t'Għawdex mill-Em.za. Tiegħu l-Kardinal Traglia li għalih kienu assistew l-ogħla dinjitajiet ekklezjastiċi u ċivili. Ma tintesa qatt dik ix-xena wara din il-quddiesa pontifikali meta l-Prinċep tal-Knisja Luiġi Traglia ippreżenta lill-Isqof G. Pace Medalja tad-deheb li l-Papa stess kien bagħat biex tinżamm bħala tifkira ta' din il-ġrajja glorjuża u qatt minsija fil-Katidral t'Għawdex. Tibqa' din il-ġrajja tiddi fuq l-istorja tal-Knisja Katidrali t'Għawdex u fil-ġrajja episkopali ta' Mons. Pace bħala xemx li ma tikfes qatt.

IL-FUNERAL TA L-ISQOF PACE FIL-KATIDRAL

U l-aħħar ħolqa fis-sensiela twila ta' ġrajjiet li fihom relazjonijiet bejn il-ħajja ta' l-Isqof Pace u l-Knisja Katidrali ta' Għawdex, hija ċertament dik tal-funeral solenni li sarlu wara mewtu f'din il-knisja. Kulħadd baqa' mpresjonat bir-rit funebri, mibni kollu kemm hu fuq linji post-konnċiljari, li sar fil-Knisja Katidrali għal ruħu fil-preżenza ta' l-E.T. l-Gvernantur-Ġenerali, ta' l-Aġent Prim Ministru ta' Malta, kif ukoll ta' bosta personalitajiet oħra distinti u għolja kemm ekkleżjastiċi u ċivili. Kull min kien preżenti kellu kelma ta' tifħir lil Mons. Arcid. P. Cauchi, lil Mons. C. Scicluna u lil Mons. Teol. Giovanni B. Gauci, id-deputazjoni kapitulari li ħadet ħsieb torganizza din iċ-ċerimonja funebri.

U llum l-Isqof Ġużeppi Pace minn qabru, li jinsab fil-kappella tas-Sagrament ta' l-istess Knisja Katidrali qed itenni dak li kiteb fit-testment tiegħu: "Irrid li meta niġi nieqes il-ġisem tiegħi . . . jiġi trasportat mill-aktar fis fil-Knisja tal-Katidral u midfun fil-qabar li jien stess ipprokurajt li nagħmel il-kappella tas-Sagrament." U iktar 'il quddiem fl-istess testment, l-Isqof Pace kiteb: "Inħalli lill-Knisja Katidrali is-slaleb pontifikali . . ."

Dawn il-ġrajjiet, meta tħares lejhom mil-lenti tal-verita' u tal-ġustizja, tinduna malajr li flimkien jarmonizzaw hekk tajjeb li qishom il-ħjut mlewma ta' tapezzerija li meta tinsiġhom u tgħaqqadhom flimkien joffrulek quddiem għajnejk xena ta' ġmiel li jsaħħar u li ż-żmien ma jista' qatt itemm.

Egħluq ix-xahar mill-mewt ta' l-Isqof G. Pace, l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi iċċelebra quddiesa għal ruħu fil-Katidral t'Għawdex.



L-Isqof Nikol Cauchi jidħer hiereġ għall-Funeral ta' l-Isqof Pace.

APPELL GHALL-JIEM TAL-FESTA

Għeżież Parruċċani,

Reġgħet waslet il-festa titulari ta' Santa Marija li hija wkoll il-Padruna Speċjali ta' dawn il-Gżejjer. Tajjeb li f'dawn il-jiem ta' festa niftakru li:

- **ir-reliġjon tagħna mhix sempliċi kostum soċjali jew wirja folkloristika;**
- **tkun ipokrisija reliġjuża li nillimitaw il-jiem tal-festa għall-bluhat, għas-sokor, għall-insulenzi, għat-tagħjir fil-marċijiet;**
- **jkun żball kbir minnaħa tagħna jekk inġiebtna f'dawn il-granet ma tirriflettix il-fidi li nistqarru;**
- **nkunu qegħdin nipprattikaw l-hekk imsejjaħ "Kristjaniżmu Atew" jekk f'dan iż-żmien nagħtu xhieda li r-Reliġjon tagħna hija mneżżgħa minn konvinzjonijiet sodi li bihom għandhom ikunu mżejnin is-segwaċi ta' Kristu;**
- **għandna l-aħjar opportunita' biex minna nirradjaw devozjoni marjana, mibnija fuq fidi vera li minnha niġu mwassiin għall-imitazjoni tal-virtujiet tagħha;**
- **it-tfaqqigħ ta' murtali ta' ħsejjes eżaġerati ma jidħolx fil-ġerarkija tal-valuri għall-qdusija tal-Poplu t'Alla;**
- **l-impenn tagħna ma' Kristu fl-atmosfera tal-festa ma jispiċċax bl-iskuża li l-bluha ta' darba f'sena ma jimpurtax.**

Jalla għall-proposti ta' dan l-appell ma nurux biss assens ta' l-intellett jew sempliċi approvazjoni bil-kelma li ma jkollhom l-ebda effett, iżda jkunu tabilħaqq il-programm li fuqu nfasslu l-atteġjament tagħna fil-jiem tal-festa, għaliex inkella nkunu qegħdin naħbu flok nuru l-veru wiċċ t'Alla u tar-Reliġjon.

Nixtieqlu l-festa t-tajba lil kulħadd.

Mons. Carmelo Scicluna
Vigarju Kurat

tal-Katidral